# IL-PULIZIJA

Settembru/Ottubru 1984 5/5

Organu ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.
Stampat fil-Union Press
Editur: E. Attard
Bord Editorjali: Supt. G. Grech Insp. N. Schembri P.S. 429 R. Cilia
Insp. A. Seychell P.C. 1302 A. Spiteri


**EDITORJAL:**

## MAFKAR LILL-PULIZIJA LI MIETU FIL-QADI TA' DMIRIJIETHOM

•IT-TRAĠEDJA tas-7 ta' Settembru 1984 fejn, fost oħrajn, sfaw mejta żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, mhux se tintesa malajr u ma għandhiex tintesa qisu qatt ma ġara xejn bħal ma ntesew traġedji oħra fejn sfaw mejta membri tal-Korp tal-Pulizija.

F'din l-aħħar traġedja tilfu ħajjithom membri tal-Korp li kienu qed jagħmlu xogħol li għalkemm kienu mħarrġa fih u għamluh diversi drabi, iżda li jinvolvi ċertu periklu bħal ma jinvolvi periklu xogħol ieħor tal-Pulizija. Ix-xogħol tal-Pulizija minnufih jinvolvi ċerti sogru u periklu.

Kif kien xieraq, dawn l-ex membri tal-Korp sarilhom funeral kbir b'parteċipazzjoni ta' l-għola awtoritajiet jew rappreżentanti ta' l-Istat u numru kbir ta' membri tal-Korp li taw l-aħħar tislima lil dawk sħabhom. Iżda l-funeral m'għandux ikun l-aħħar tifkira ta' dawn iż-żewġ vittmi.

B'dispjaċir wieħed jinnota li għalkemm ta' kull sena l-Korp jiftakar f'dawk l-ex membri tiegħu li mietu u ġew midfuna fl-oqbra tal-Pulizija b'ċerimonja li ssir fl-ewwel Ħadd ta' Novembru fuq l-istess oqbra, iżda qatt ma saret l-ebda tifkira f'dawk l-ex membri li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Kien madankollu ġest sabiħ li xi snin ilu almenu twaħħlet irħama ħdejn il-Kappella fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija bl-ismijiet tal-Pulizija maqtula fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Iżda l-Korp kellu aktar vittmi li isimhom għandu jibqa' jiġi mfakkar u għalhekk ikun xieraq li kellu jsir mafkar fejn jidhru l-ismijiet kollha ta' dawn il-vittmi. Għandha wkoll issir ċerimonja ta' kull sena fuq dan il-mafkar bħal ma jsir fl-ewwel Ħadd ta' Novembru fuq l-oqbra tal-Pulizija. Għal din iċ-ċerimonja jistgħu anke jiġu mistiedna jipparteċipaw fejn ikun possibbli, il-familjari tal-vittmi.

***F'DIN IL-ĦARĠA:***


Mill-Association....................2
Mutual Help Association.........2
Tislima lis-Surġent Salvu Muscat u l-Kuntistabbli Joseh Hare........................3
Il-Mawra ta' Pietri della Valle f'Malta.....................7
Psychological Pitfalls in search of evidence...............8
Il-vetturi f'Malta u l-Liġijiet li ġabu magħhom....10
Ħarġa għat-tal ta' l-Ursolini........................12
Intervista ma' Pensjonant......13
Mill-Imgħoddi......................15
Police Around the World.......16
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija......................18
Investigating Child Sexual Exploitation Law Enforcement Role.............19
Tifkiriet ta' l-Imgħoddi..........21
Min hu ċ-Chaplain tal-Korp?.........................22
Crosswords..........................23
Summer Camp 1984..............24
Sports..............................25

# MILL-ASSOCIATION

•Kif isemma waqt il-preżentazzjoni tal-coach lid-Dar tal-Provvidenza, fl-okkażjoni ta' egħluq il-170 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija, l-attivitajiet biex jikkommemoraw dan l-anniversarju, huma filantropiċi u għalhekk fl-4 ta' Settembru 1984, fl-Istitut Kulturali, il-Furjana, ġie organizzat party għat-tfal tal-istituti. Dan il-party ġie organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u attendew għalih madwar 300 tifel u tifla minn tlettax-il istitut.

Il-Kumitat organizzattiv ħa ħsieb li jiġbor dawn it-tfal mid-diversi istituti u li jirritornahom wara li spiċċat din l-attività.

Din l-attività mhux biss irnexxiet iżda ħalliet ukoll sodisfazzjon kbir għal dawk kollha li kienu preżenti. Dan kien jidher mill-atmosfera li nħolqot waqt il-party u minn wiċċ it-tfal li għalkemm mhumiex neqsin minn attivitajiet ta' din ix-xorta, iżda mhux soltu li dawn it-tfal jiltaqgħu waqt attività waħda.

Waqt il-party ingħata ikel u xorb lit-tfal u ġie pprovdut divertiment mill-Musical Group tal-Pulizija, kant minn diversi kantanti u maġija. Fi tmiem il-party, it-tfal kollha ġew mogħtija rigal u xi ħelu. Dawk it-tfal li għal xi raġuni ma attendewx għal dan il-party ġew ukoll mogħtija rigal.

## PARTY GĦAT-TFAL TA' L-ISTITUTI



It-tfal fl-Istitut Kulturali waqt il-party

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-M.H.A. ta' dawn l-aħħar xhur kienu għal dawn l-ex membri tal-Korp.



ex-Spettur F. Vella



ex-Kuntistabbli 221
Anthony Ciantar



ex-Kuntistabbli 498
Joseph Vassallo

# John's Garage LIMITED

## At Your Service



We, at John's Garage Ltd. are at your service day and night. Whether you need a taxi at night or a limousine fleet for a special convention, our sterling service is always at your disposal.



And if you require self-driven cars we are the licensees of EUROPCAR, one of the world's leading car-rental firms.

**Call on us, we'll drive you a long way without trouble.**





John's Garage LIMITED

**38, VILLAMBROSA STREET, HAMRUN.**
**TEL: 28745, 605038**

# THE NEW HYUNDAI

# pony



# a new look all round





HYUNDAI
MOTOR COMPANY

Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 25362

# Tislima lis-Surġent Salvu Muscat u l-Kuntistabbli Joseph Hare

•It-traġedja fuq il-patrol boat li ġrat fis-7 ta' Settembru fejn sfaw mejta żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija flimkien ma' membri tal-Qawwiet Armati ta' Malta ħalliet telfa kbira mhux biss għall-familjari tal-vittmi, iżda għall-Korp tal-Pulizija.

Dak in-nhar tat-traġedja, is-Surġent Salvu Muscat flimkien mal-Kuntistabbli Joseph Hare, li jagħmlu parti mit-Taqsima tal-Isplussivi tal-Korp, marru biex jiddisponu minn splussivi kkonfiskati mill-Pulizija minn persuni li kienu qed iżommuhom jew jaħdmuhom illegalment. Dan huwa xogħol ta' proċedura tal-Pulizija u wara xi żmien dawn l-isplussivi jiġu mormija fil-baħar bil-għan li ma jibqgħux ta' periklu. Dan kien parti mix-xogħol ta' dawn il-membri tal-Korp li kien sar diversi drabi qabel.

Dak in-nhar l-isplussivi kienu qed jinġarru bil-patrol boat tal-Qawwiet Armati C-23 u għall-ħabta ta' nofs inhar meta dawn l-isplussivi kienu qed jintremew fil-baħar xi erba' mili bogħod minn Kemmuna, saret splużjoni li ħalliet vittma liż-żewġ membri tal-Korp flimkien ma' ħames membri tal-Qawwiet Armati li tnejn minnhom, baqgħu ma nstabux.

Iż-żewġ pulizija vittmi ta' din it-traġedja kienu s-Surġent Salvu Muscat u l-Kuntistabbli Joseph Hare, it-tnejn tat-Taqsima ta' l-Esplussivi tal-Pulizija.

Is-Surġent Salvu Muscat ingaġġa bħala Kuntistabbli fil-31 ta' Diċembru 1974 u wara xi żmien stazzjonat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija huwa ġie trasferit għall-Mosta mnejn ftit taż-żmien wara ntbagħat Ħal Qormi. F'Novembru 1975 huwa beda jagħmel parti mit-Taqsima tas-Sigurtà u Immigrazzjoni u mal-ħatra tiegħu ta' Surġent



Is-Surġent Salvu Muscat



Il-Kuntistabbli Joseph Hare

f'Ottubru 1978 huwa fforma parti mil-Laboratorju Xjentifiku tal-Pulizija. Is-Surġent Muscat kien ġie nkarigat mit-Taqsima ta' l-Esplussivi.

L-ewwel taħriġ f'din it-taqsima speċjalizzata ngħatalu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Qawwiet Armati ta' Malta, dak iż-żmien f'St Patricks fejn ħa taħriġ mal-Bombs Disposal Unit. Bejn Lulju u Novembru 1977 huwa attenda kors ta' taħriġ fl-Iskola Militari ta' Piacenza, l-Italja. Kors ieħor simili kien dak fid-Direzione di Artiglieria, Ruma, bejn April u Ġunju 1978. Fl-1981 huwa attenda għal kors ieħor dwar l-anti terroriżmu f'Belgrade, il-Jugoslavja. Salvu Muscat kien miżżewweġ lil Anna Gaffari li wkoll għamlet xi żmien fil-Korp tal-Pulizija u kellhom tifla ta' sena u disa' xhur.

Il-kuntistabbli l-ieħor vittma ta' din it-traġedja huwa Joseph Hare ġuvni ta' 23 sena minn Tas-Sliema. Hare ingaġġa fil-Korp fi Frar 1979 u wara xi żmien stazzjonat fit-Taqsima tal-Kontroll tal-Prezzijiet huwa beda jifforma parti mit-Taqsima ta' l-isplussivi. F'April 1981, flimkien mas-Surġent tiegħu huwa attenda għal kors ta' taħriġ f'Belgrade, il-Jugoslavja.

L-aħbar ta' din it-traġedja ġab luttu f'Malta u Għawdex u l-għada sar luttu nazzjonali. F'din il-ġurnata tħassru wkoll xi attivitajiet in konnessjoni ma' xi festi.

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Settembru, l-kadavri taż-żewġ membri tal-Korp flimkien maż-żewġ membri tal-Qawwiet Armati nġiebu Malta mill-Isptar Craig, Għawdex, filwaqt li dak in-nhar stess f'Għawdex sar il-funeral ta' wieħed mill-vittmi.

It-Tnejn, 10 ta' Settembru fis-2.30 p.m. beda l-funeral ta' l-erba' vittmi Maltin bi tluq mill-Isptar San Luqa b'korteo li mexa matul Triq San Luqa, Triq Pietro Xuereb u Triq Schembri għal Triq Rjali, il-Ħamrun. Fil-bidu ta' dan il-korteo mexa kontinġent u l-banda tal-Qawwiet Armati. Wara kien hemm l-erba' twiebet merfugħa minn membri tal-Pulizija u tal-Qawwiet Armati rispettivament. Wara l-kadavri mxew il-kappillani tad-diversi parroċċi tal-mejta u warajhom imxew il-familjari tal-mejta. Il-

*Il-President ta' Malta*

7. 9. 84.

Dr. J. Pullicino
Kummissarju tal-Pulizija
Kwartieri Generali
Furjana

Smajt b'soghba kbira bit-tragedja tal-Patrol Boat fejn tilfu hajjithom zewg membri tal-Korp tal-Pulizija.

Ninghaqad mal-poplu Malti kollu biex nesprimi l-kondoljanzi sinciera tieghi f'din id-dizgrazzja hekk kbira li laqtet il-Korp waqt il-qadi ta' dmirijietu ghas-servizz tan-Nazzjon.

AGATHA BARBARA

*Telephone No. 24001/20451 (Police H.Q. Exchange)*

All communications should be addressed to the Commissioner of Police, and not to individual Officers by name or appointment

*Our reference No.................*
*Your reference No.................*

POLICE GENERAL HEADQUARTERS
Floriana,
Malta.
8 ta' Settembru, 1984

L-Eccellenza Tagħha
Is-Sinjorina Agatha Barbara
Il-President Tar-Repubblika ta' Malta

Ghan nom tal-Korp tal-Pulizija nixtieq nuri l-apprezzament tieghi u nirringrazzjak tal-kondoljanzi sinciera li ghogbok tibghat wara d-disgrazzja kbira li fiha sfaw mejta zewg membri tal-Korp tal-Pulizija u membri ta' l-Armata waqt li kienu qeghdin jaqdu dmirhom.

L. Pullicino
Kummissarju.

**L-ittra b'kondoljanzi tal-President tar-Repubblika u l-apprezzament tal-Kummissarju tal-Pulizija.**



**Waqt il-Quddiesa fil-Kapella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata**

Prim Ministru, il-Perit D. Mintoff, id-Deputat Prim Ministru, Dr C. Mifsud Bonnici, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr E. Fenech Adami flimkien ma' membri oħra tal-Parlament, ħadu wkoll sehem f'dan il-korteo. Warajhom imxew il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-fizzjali tal-Korp kif ukoll il-Kmandant tal-Forzi Armati u l-Kmandant tat-Task Force. Mażżewġ naħat tat-toroq mnejn għadda l-korteo, kien hemm numru kbir ta' Pulizija li taw l-aħħar tislima lill-vittmi. Mal-wasla f'tarf Triq Irjali, il-Ħamrun, ħdejn il-Blata l-Bajda, il-kadavri tpoġġew fil-karozzi mnejn ittieħdu għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata skortati mill-muturi tat-Traffiku. Fiċ-ċimiterju saret quddiesa kkonċelebrata u wara sar id-dfin ta' l-erba' kadavri. Iż-żewġ membri tal-Korp ġew midfuna fl-oqbra tal-Pulizija fejn inġabru għad kbir ta' nies.

**Permezz ta' dan il-magażin nixtiequ nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari tal-vittmi ta' din it-traġedja.**

**IN MEMORY OF S.M. AND J.H.**

We cant bare the thought
That you have left us
We still remember you
As you were with us,
Kind, onest and thruthful.

We cried when we saw you lowered
And leave us for eternity
With the smell of flowers,
With which you were covered.

We know that you
Have left us for ever,
But not in our minds
Where you will stay for ever,
Our beloved Salvu and Joey.
11.9.84 F.M.



**Il-Kuntistabbli J. Hare (xellug) jiġbor murtali wara l-isplużjoni tal-kamra tan-nar ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, Ġunju 1982**

# MEWT BLA ĦTIJA

Splużjoni! U l-mewt ħassditkom
u minn ma' qrabatkom firditkom
Waqt li kontu qed tneħħu
l-fdal ta' żbalji li seħħu
Murtali tan-nar
li mlew kull qalb b'imrar.
U dawn il-murtali
b'qerda fatali
li min jaf kemm qerdu nies
u għamlu ħsara bla qies
jibqgħu iberrqu fis-smewwiet
u n-nies isegwu bil-mijiet.
Nixtieq nagħmel mistoqsija
lil dawk b'dad-dawl mogħnija
Tixtieq tara lil ibnek, missierek, ħuk,
imqatta' biċċiet, hekk bħaz-zkuk?
Ħajjiet mormija
ta' nies mingħajr ħtija
li ħallew Malta mifnija
b'weġgħet ta' qalb qawwija
U issa sebat erwieħ mitlufa
maqtula bħall-ħarufa
biex nifs ma jieħdu qatt
u aħna nibqgħu nibku dan il-fatt.

GINO LOMBARDI.

# Preżentazzjoni ta' midalja kommemorattiva lis-Sinjura G. Valletta

•Nhar it-Tnejn, 13 ta' Awissu, 1984 is-Suprintendent Maurice Borg f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija, flimkien mas-Surġent Maġġur S. Galea, iċ-Chairman tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ppreżentaw Midalja Kommemorattiva li tfakkar egħluq il-170 Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija flimkien ma' statwetta tal-pewter b'figura ta' pulizija lis-Sinjura Ġużeppa Valletta, armla tal-Kuntistabbli Joseph Valletta li kien ġie maqtul minn sewwieq ta' karozza f'Ta' Xbiex f'April 1952.



**Is-Sinjura G. Valletta (it-tielet mix-xellug) flimkien ma' uffiċjali tal-Pulizija u familjari tagħha**

•Il-Bord Editorjali jiddeplora l-fatt li materjal ta' dan il-magażin ġie wżat minn ġurnal lokali fejn ġie riprodott ritratt ta' l-Ex Kummissarju J. Cachia b'kummenti li ma humiex veri.

Għall-informazzjoni tal-qarrejja l-midalja li kellu ma' għonqu l-Ex Kummissarju J. Cachia kienet ġiet mogħtija lilu fl-1978 minn grupp ta' uffiċjali tal-IPA waqt li kien hawn Malta fuq btala, u żaruh fil-Kwartieri Ġenerali ġewwa l-Furjana. Qiegħed jiġi riprodott ritratt ieħor ta' l-Ex Kummissarju Cachia bl-uniformi tas-sajf meħud ftit wara li sar Kummissarju.



**IS-SUR J.N. CACHIA**

**Ikompli minn paġna 15**

fejn għarfuh dwar dan l-avveniment.

Iż-żewġ pontijiet tal-ħadid inħadmu fit-Tarzna. Meta fit-12 ta' April 1904 l-Imperatur Wilhelm, il-Kaiser tal-Ġermanja li kien qed jagħmel żjara fil-gżira, mar iżur it-Tarzna, urewh il-mudell tal-breakwater, u kien għoġbu u faħħru ħafna.

Fi żmien il-gwerra meta t-Taljani ttantaw jidħlu fil-port biex jippruvaw jinvadu l-gżira, waslu sa ħdejn il-breakwater, irnexxielhom itajru wieħed miż-żewġ pontijiet, iżda sfaw vittmi, mgħarrqa u mirduma taħt l-istess breakwater.

# Il-mawra ta' Pietro Della Valle f'Malta

***minn Chev. Joseph Galea***

•Nhar it-22 ta' Novembru 1625 il-Kunsill tal-Kavallieri kellu jżomm laqgħa b'urġenza biex tiġi diskussa petizzjoni li kienet saret lill-Kummissarju tas-Saħħa minn wieħed turista li wasal Malta fuq bastiment tat-Tuscana, ġej mil-Lvant.

Dak iż-żmien, minħabba l-biża' li bastimenti ġejjin mill-Lvant seta' kellhom fuqhom xi ħadd marid, biex ma jxerrdux il-mard li jittieħed, kienu jidħlu fil-Port il-Kbir u jinżammu kwarantina.

Aktar tard, minħabba li fil-Port kien ikun hemm ukoll bastimenti oħra, il-Kavallieri li kienu jaħkmu l-gżejjer, ħasbu biex jagħmlu port għall-kwarantina, għaliex maqtugħ mill-ieħor.

Sa dak iż-żmien, il-Port ta' Marsamxett billi l-inħawi tax-xtut tiegħu kienu kollha baħħ, la kienet teżisti Tas-Sliema, la Ta' Xbiex u anqas fejn illum jissejjaħ il-Fort Manoel. Fil-qala ta' Tal-Pietà ma kien hawn xejn u wara l-pesta tas-sena 1592 kienu qatgħu li jagħmlu ċimiterju għall-mejtin tal-pesta, fejn sa dak iż-żmien kien magħruf bl-isem ta' Xatt il-Qasab. Bnew niċċa mdaqqsa u ddedikawha lid-Duluri, li bit-Taljan tissejjaħ La Madonna della Pietà. Minn dakinhar dawk l-inħawi bdew isejħulhom tal-Pietà.

Il-Gżira, maqtugħa għaliha li meta l-Gran Mastru kien fettillu jibni dik il-fortizza sabiħa u majestuża fis-sena 1726, bdiet tissejjaħ tal-Forti Manoel u l-inħawi tefgħa ta' ġebla minn din il-gżira ħadet l-isem ta' Il-Gżira. Il-lum qisha belt oħra.

Fil-qedem dik il-gżira kienet proprjetà ta' l-Isqof u l-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar li xtaq li jittrasferixxi l-port tal-kwarantina u bi ftehim ma' l-Isqof kien partat din il-gżira u minflok ta lil Isqof l-inħawi tal-Fiddien, ir-Rabat.

Minn dakinhar 'il hawn Lażżarett laqa' fih ġnus differenti fi lsienhom, fit-twemminhom u fil-karatteristiċi tagħhom. Tabilħaqq li dik il-liġi tal-Kwarantina kienet nitfa ħarxa u tgħidx kemm kien hemm tgemgim minn bosta minn dawk li waslu Malta jew bħala turisti jew passiġġieri sejrin band'oħra, jew inkella li kellhom xi interess fostna.

Il-liġijiet tas-Sanità kienu miżmuma fuq xfar l-għajnejn. Dak in-nhar mela li kien wasal hawn dak il-bastiment, nhar id-19 ta' Novembru 1625, il-Kaptan biex setgħu jagħtuh il-pratka, ippreżenta l-lista ta' l-ismijiet tal-portijiet ta' fejn kien waqaf fi triqtu lejn Malta.

Il-Pulizija, dak iż-żmien, kienu jħarsu l-liġijiet tal-Kwarantina dovatament. Il-liġijiet kienu jgħidu, li wkoll jekk ma jkunx hemm suspetti ta' mard abbord tal-bastiment, dan kien meħtieġ li jidħol fl-inħawi tal-port tal-Kwarantina. U l-pratka kienet tingħata lilu mingħajr tlaqliq.

Il-passiġġieri li kien ikollhom ħsieb, jew ifissru, li xtaqu jibqgħu hawn għal xi żmien, jew inkella sakemm jerġa' jitlaq il-bastiment, kienu jridu jgħaddu mid-Dwana u taħt għajnejn il-Pulizija.

Iżda l-Uffiċjal Mediku meta dak in-nhar ġiegħel lil wieħed mill-passiġġieri li kienu waslu għalbiex jiftaħ il-bagalji u kaxxa kbira li kellu, li kienet laqtet il-kurżità ta' min raha, dan ċaħad li jiftaħha.

Dan il-passiġġier kien jismu Pietro della Valle li fl-Istorja hu magħruf bħala **il pellegrino** billi kien vjaġġatur magħruf.

Pietro della Valle (1586-1652) kien ta' nisel familja nobbli Rumana u kien meqjus bħala bniedem għaref, kien jitkellem b'bosta ilsna, jaf l-istorja, il-ġjografija u astronomu. Meta kien żgħir kien jikteb poeżija u proża, imma aktar tard kien ta għall-mużika u kien inqabad għal xi żmien suldat fil-Bohemja. Aktar tard, minħabba diżappuntament fl-imħabba li kellu f'ħajtu, mar joqgħod Napli u libes il-libsa sempliċi ta' pellegrin. Imbagħad mar Venezja u ddeċieda li jitlaq fuq pellegrinaġġ għall-Palestina. Imbarka fuq il-frejgata **Gran Del Fino,** vjaġġ skabruż u twil, għadda Zante, Troja, Gallipoli, Kostantinopoli, fejn għex sena sħiħa, imbagħad telaq għal Rodi, Lixandra, u aktar tard Bagdad, u l-Persja.

Minn hemm żar Ġerusalemm, Damasku, u meta żar Shariz kien ipprova jaqra u jagħti tifsira ta' l-iskrizzjonijiet bil-karattri kunejformi ta' Persepolis, u wara mar l-Indja.

Kull fejn mar u żar, żamm kitba dettaljata mimlija tagħrif u kurżitajiet li ebda kittieb ieħor ma kien kiteb qabel, u wara ġew stampati f'erba' kotba mqassma f'54 ittra (stampati Ruma, 1650-1658).

Kien jiġbor ukoll oġġetti kurjużi, **objets d'art**, bħak manoskritti orjentali li wara kien irregalahom lill-Bibljoteka tal-Vatikan. Kien kiteb ukoll grammatika u dizzjunarju koptiku.

Della Valle kien ipprotesta bil-qawwi u talab l-immunità, għajjat u ħambaq, u irraġuna b'idejh

**•ikompli f'paġna 9**

# Psychological pitfalls in the search for evidence

*By Dr Paul Cassar, M.D., D.P.M. F.R. Hist., S. (Lond.) D. Litt (Honaris Causa)*

•IT must be prefaced that very often, inspite of a laborious investigation, full truth is unattainable however, a police officer must ensure that every possible source of detection be utilised in his pursuit for evidence and must be fully aware of the basic psychological aspects that play a decisive role in his quest. If he disregards them he will be led astray and prevented from reaching a clear understanding of the situation he is investigating and from grasping the facts of the case or, at least, coming to a very close approximation of the factors involved.

The aim of this study is to draw attention to the mental mechanisms that are operative in the gathering of evidence; to the pitfalls that may be met with and how to surmount them; and to the steps to be followed to avoid possible errors in interpreting the facts.

First of all it is essential that the investigator be of a conscientious type of personality; methodical in his procedures at all times and in all cases even the most routine ones to avoid confused thinking and to eliminate mistakes and omissions from carelessness; persistent in clearing uncertainties arising from equivocal settings; and alert in guarding himself against possible misjudgement of his findings due to personal bias.

As regards procedure, the investigator must not limit himself to one source of information however reliable this may seem to be but must seek out as many sources as possible to be in a position to (a) verify the correctness of his findings; or (b) fill gaps in the story concerning points in time and place especially where the possibility of an alibi may arise; or (c) add supporting statements from different and independent sources; the fact that, by using different ways, he consistently obtains the same result is a very reliable indication that he is substantially close to the truth; or (d) eliminate irrelevant and misguiding information.

In his search the investigator may come across two or more conrtradictory witnesses. He must, however, remember that the contradiction may not be real at all but only seemingly so. Indeed all the witnesses may be truthful but they are stating the truth as each of them saw or knew it depending on how capable they were in fixing their active attention on all the aspects of the situation.

We must also consider the likelihood of an unconscious bias on the part of the observer which determines the way he perceives events and forms judgements. This unconscious mentation may give rise to a non-volitional untruth by the observer who, though unconsciously distorting the presentation of objective reality, has no deliberate intention to deceive the investigator (1).

The police officer must not content himself with a solution reached through one particular line of investigation but must remember that there may be other equally plausible but different ways leading to the same answer or solution. For instance, what would you suggest doing to ease traffic congestion in a narrow street? The easiest solution would be to turn it into a one-way traffic street; but you can also lay down a new street or road, or construct a tunnel under it or build a fly-over above it.

The investigator must overcome the temptation to conceive a theory on suspicions only or on one piece of information in which he comes to belief uncritically. This is a dangerous tendency as it makes us ignore alternative possibilities to our theory and thus put us off course from our objective.



DR PAUL CASSAR

In interviewing witnesses, who at the time of the incident under investigation were emotionally disturbed by fear or grief, one must keep in mind that such witnesses may not give a reliable account of events or description of the suspect because of their agitated state which prevents them from focussing their active attention on the details of the occurrence or personal characteristics, clothing, etc of the suspect.

When sifting information from eye-witnesses we must not concentrate exclusively on some isolated item of their deposition but must view the item in reference to the entire context of their statement because fragments of information isolated from the whole context may present only a partial picture of the situation under investigation thus leading to misplacement of emphasis or the overlooking of crucial clues or the outright distortion of the truth.

While experience is a great asset in any human activity, it must be remembered that experience may be fallacious and deceiving in certain instances. A person, for example, may be known to the police as a habitual delinquent with a record of



Forsi ilek ittella' u tnizzel li jkollok id-dar tieghek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

LHB **LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**

# SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*



**Middle Sea Insurance Co Ltd**

Middle Sea House, Floriana. Tel: 626262

several convictions but he may not be the perpetrator of the crime you are suspecting him of on a particular occasion. A known drug addict, for instance, may be seen walking unsteadily and behaving strangely and because of our past experience of him we suspect him of being under the influence of drugs. It may be, however, that on this particular occasion his untoward behaviour is not the result of drug intoxication but of alcohol abuse or of some physical illness affecting his sense of balance such as vertigo from labyrinthine disease, raised blood pressure, epilepsy, stomach upset with nausea, etc.

The possibility of mistaken identity must always be kept in mind. This is likely to occur because (a) the human eyes and brain are not precise recorders of events and persons seen and, therefore, important details may be missed by the observer; (b) of a close resemblance of facial features, body-size and shape between two or more individuals; (c) of inaccurate observation on the part of a witness due to insufficient illumination at night or to rapidity of movements of the offender; and (d) of some form of disguise adopted by the offender to conceal his identity. He may, for instance, wear a false beard or a wig; replace his usual spectacles by contact lenses; or change the intonation of his voice when talking. A short and thin man may wear shoes with high heels and put on a padded jacket to make himself look hefty and tall.

The fact that more than one witness claim to have recognised the suspect is no guarantee against the possibility of mistaken identity. A few years ago a 53-year old man stood trial in the USA for a series of robberies. He was identified by seven eyewitnesses as the "Gentleman bandit", so called because of his polite manners and well-dressed appearance, involved in the crime. The man so identified, however, insisted that he was the victim of mistaken identity but the trial was suspended only when another man, fourteen years younger, had confessed to the robberies and given details to the police that only he could have known (2). The plea of mistaken identity has been raised in our law courts in 1937 (3) and in 1965

The reputable investigator will be always on the alert against the pitfalls considered in this study and for this reason he will be constantly asking himself: "How reliable is the evidence I have collected? How far can I trust what an eyewitness is convinced that he has seen?". By way of an answer he will repeatedly check the validity of the data he has gathered for if these data are faulty his conclusions will be valueless; he will also be prepared to modify or discard conclusions already reached when he is faced with fresh facts that do not tally with his assumptions; and he will have the courage and perseverence to start anew by seeking other sources of information and exploring hitherto untapped channels of investigation.

**REFERENCES:**


1. Cassar, P. Unconscious Psychological Factors Influencing Testimony, **Scientia,** 1951, Vol. 17, p. 52.

2. **Newsweek,** September 3, 1979, p. 42.

3. Harding, W. Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 146.

4. Mifsud Tommasi, A. Personal communication, 1983.


**(Ikompli minn paġna 7)**

kemm felaħ, iżda l-Pulizija qaltlu li l-liġi kienet tgħid li jiftħu kull għamla ta' bagolli u oħrajn, u kien għal ta' xejn li joqgħod jargumenta. Mhux biss imma talab li jiddiskuti dan ma' l-awtoritajiet tal-Pulizija u tas-Sanità milli ma' sempliċi skrivan jew kuntistabbli. Għalhekk hu staqsa lill-Kunsill tas-Sanità biex jagħti deċiżjoni dwar daqshekk.

Il-Kummissjoni tas-Sanità sabu ruħhom f'diffikultajiet kbar, l-istess bħall-Pulizija, għattalba tiegħu dwar dik il-kaxxa, u għalhekk irriferewha lill-Kunsill tal-Kavallieri.

It-tabib prinċipali ta' dak iż-żmien, Corogna, wara li għarrfu bil-liġijiet ipperswada lil Pietro della Valle li jekk kemm-il darba jiftaħ il-kaxxa biex jaraw x'kien fiha kien jeħilsuh mill-kwarantina wkoll u jista' jibqa' wkoll Malta kemm irid.

B'danakollu baqa' jgħid li ma xtaqx jiftaħ il-kaxxa, u hekk il-Pulizija u l-awtorità tas-Sanità, apparti milli kien mitlub mil-liġi, aktar qanqlilhom il-kurżità x'seta' kien fiha l-kaxxa.

Għalhekk qalulu biex jikteb ittra lill-Gran Mastru Antonio de Paule, li dik il-ħabta kellu wisq x'jagħmel ma' ħbiebu. Fl-ittra kiteb li fil-vjaġġ tiegħu mill-Persja għall-Indja, meta wasal ħdejn il-fortizza ta' Maia li sa dak iż-żmien kienet iċ-ċentru ta' Mughastan ħdejn Marmutz, waqt li kien qed jistenna biex jimbarka fuq bastiment Ingliż li kien sejjer l-Indja, martu Sidti Maini Gioreda, li kienet tqila u qed tistenna tarbija, minħabba l-vjaġġ twil u s-sħana, qabadha d-deni u wara ftit jiem (22 Diċ. 1622) kellha **miscarriage,** korriet, u mietet tmint ijiem wara. F'dawk l-inħawi ma sabx tobba.

Della Valle qal ukoll li martu kienet miegħu kull fejn mar u żar, u għax kien iħobbha ma setax iħalliha warajh, midfuna f'art barranija, u għalhekk xtaq li jeħodha Ruma biex jidfinha hemm f'pajjiżu.

Il-katavru tagħha ġie bbalzmat kif jafu jagħmlu fl-orjent, imlewha bil-ganfra u sustanzi oħra biex jippreservawha. Imbagħad, poġġewha f'kaxxa kbira, bħal tebut, u kien iġorrha miegħu kull fejn mar. Minn dak inhar għaddew erba' snin sakemm wasal Malta fi triqtu lejn l-Italja.

Wara li l-Kavallieri fil-kunsill semgħu din l-istqarrija kollha, avventura sabiħa u ħanina, bagħtu jinfurmaw lill-Pulizija u lill-uffiċjali tas-Sanità biex jeżentawh li jiftaħ dik il-kaxxa u jagħtuh il-pratka.

Meta wasal Ruma hu difen lil martu fil-knisja ta' **Santa Maria in ara coeli.**

# Il-vetturi f'Malta u l-liġijiet li ġabu magħhom

***minn Edward Attard***

•F'MALTA, mal-bidu tas-seklu għoxrin, bdew deħlin il-vetturi u għad li setgħu daħlu xi vetturi qabel dan iż-żmien, kien fl-1905 li bdew joħorġu regolamenti dwarhom u l-ewwel avviż ta' din ix-xorta deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Jannar fejn ġie avżat li l-ebda karozza ma setgħet tidħol ġewwa l-Belt Valletta la minn Bieb il-Belt u lanqas minn Victoria Gate. Fiż-żmien li qed insemmu, il-karozzi setgħu jaslu biss sa fejn qabel kien hemm id-Dwana. Fl-istess żmien, kienet qed issir it-triq li mill-Furjana twasslek għall-Marsamxett u li l-karozzi bdew jagħmlu użu minnha fl-1907, meta allura l-karozzi setgħu jaslu sax-Xatt ta' Marsamxett fejn kien hemm il-laneċ.

L-ewwel Regolament tal-Karozzi u Muturi kienu ħarġu fl-1908 u dawn it-tlettax-il regolament pubblikati bl-Ingliż u bit-Taljan, fost affarijiet oħra, kienu jgħidu li l-ebda karozza ma setgħet tiġi misjuqa fil-Belt Valletta jekk mhux bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Wieħed josserva li kien meħtieġ permess biss biex tiġi misjuqa vettura fil-Belt u dan il-permess ma kienx jingħata għall-vetturi ta' aktar minn 1.8 metri (6 piedi wiesa). Skond l-istess regolamenti, il-karozzi ried ikollhom numru ta' reġistrazzjoni mwaħħal b'mod kif kien jitlob il-Kummissarju tal-Pulizija, liema numru ried ukoll ikollu d-dawl fuqu li ried jinxtegħel siegħa wara nżul ix-xemx u jibqa' mixgħul sa siegħa qabel tlugħ ix-xemx kemm-il darba jkun qed isir użu mill-karozza. Il-ħorn, jew kif imsejjaħ bil-Malti, kornu, kien ukoll obbligatorju fil-karozzi. Ġie wkoll iffissat limitu ta' sewqan fil-Belt Valletta u dan kien ta' daqs ta' żiemel misjuq bi trott moderat.

F'dawn ir-regolamenti nsibu wkoll li kien ġie pprojbit l-ipparkjar ta' karozzi tista' tgħid fit-toroq prinċipali kollha tal-Belt u li kien meħtieġ permess speċjali biex karozza tiġi misjuqa fi Triq Repubblika bejn South Street u Archbishop Street. Il-karozzi ma setgħux jiġu misjuqa fejn kienu jinġemgħu ħafna nies u s-sewwieqa ġew obbligati jobdu kull ordni mogħtija mill-Pulizija waqt li dawn ta' l-aħħar kienu jkunu jidderieġu t-traffiku. (Dan ir-regolament għadu in vigore sal-lum). Il-Kummissarju tal-Pulizija kellu s-setgħa, kif għad għandu sal-lum, jissospendi sewwieq milli jsuq karozza.

Fl-1911 saru xi emendi għall-ewwel regolamenti u mill-1911 sar obbligu li l-karozzi kollha jkollhom liċenza u mhux dawk biss li jiġu misjuqa fil-Belt Valletta. B'seħħ minn dan iż-żmien ukoll, kien meħtieġ li s-sewwieqa wkoll ikollhom il-liċenza tas-sewqan u din kienet tingħata mill-Pulizija lil dawk is-sewwieqa li kienu jiksbu ċertifikat dwar il-kompetenza tagħhom tas-sewqan. Dan iċ-ċertifikat kien isir minn nies awtorizzati mill-Gvern u fiż-żminijiet li qed insemmu jissemma ċertu William Frederick Glasson li kien Manager tal-Malta Import and Export Coy bħala espert awtorizzat mill-Gvern biex joħroġ dawn iċ-ċertifikati. Fl-1930 dawn iċ-ċertifikati bdew isiru mill-Pulizija u dawn għadhom isiru sal-lum wara li jsir eżami dwar is-sewqan.

Fl-1916 reġgħu ħarġu Regolamenti oħra tal-karozzi u f'dawn ir-regolamenti nsibu ġdid li sewwieqa barranin setgħu jsuqu vetturi f'Malta kemm-il darba dawn kellhom il-liċenza ta' sewqan ta' pajjiżhom. Is-sewwieqa Maltin li riedu jsuqu vetturi barra minn Malta setgħu wkoll jagħmlu dan, iżda riedu



**Żewġ pjantuni f'waħda mill-ewwel karozzi li daħlu f'Malta**

jagħmlu talba lill-Kummissarju biex ikollhom dak li ssejjaħ 'travelling pass' illum imsejjaħ International Driving Permit.

Aktar ma għadda ż-żmien, aktar bdew deħlin vetturi f'Malta u dan naturalment ġab aktar xogħol għall-Pulizija. Fl-1917 il-membri tal-Korp ġew mogħtija lista tal-karozzi u muturi liċenzjati f'Malta liema lista' kienet tiġbor fiha, minbarra n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, l-isem f'min kienet liċenzjata u naturalment l-indirizz. Din il-lista kienet f'għamla ta' ktieb u kienet tinġarr mill-Pulizija waqt li dan kien ikun fuq ix-xogħol. Minn żmien għal żmien kienu wkoll joħorġu emendi għal din il-lista wara li kien isir xi trasferimenti ta' vetturi jew joħorġu vetturi ġodda u l-Pulizija kienu obbligati li jżommu aġġornata l-lista tagħhom. Fl-1919 dawn il-lista jew kotba nġabru u l-pulizija li riedu xi informazzjoni dwar xi vettura setgħu jakkwistawha billi jivverifikaw mis-Sezzjoni tal-Liċenzi dak iż-żmien imsejjaħ ir-Record and Licensing Department.

Fl-1929 reġgħu ħarġu 85 regolament dwar il-vetturi fejn, għall-ewwel darba, jissemma' wkoll li sabiex wieħed jikseb liċenza, kien meħtieġ li dan ikollu mhux anqas minn sbatax-il sena. F'dan ir-regolament ġie wkoll iffissat il-limitu ta' sewqan fil-Belt Valletta, bliet oħra u rħula. Dan ma kellux ikun ta' aktar minn għaxar mili fis-siegħa. F'postijiet oħra barra mill-ibliet u rħula, is-sewqan seta' jkun ta' mhux aktar minn għoxrin mil fis-siegħa. L-ambulanzi, char-a-banc u vannijiet kummerċjali setgħu jiġu misjuqa b'mhux aktar minn tnax-il mil fis-siegħa barra l-ibliet u rħula. Regolament ieħor obbliga lis-sewwieqa li kienu jdaħħlu l-vettura tagħhom f'garaxx biex waqt li l-karozza tkun sejra tidħol jew toħroġ mill-garaxx, kellu jkun hemm miexi quddiemha, persuna xierqa sabiex tagħti avviż illi l-karozza tkun riesqa.

Hawn tajjeb wieħed isemmi x'kien in-numru ta' vetturi u kemm kienu n-nies liċenzjati biex isuqu.

Skond statistika uffiċjali tal-1927-28 f'Malta kien jhawn 922 karozza liċenzjata u 329 oħra liċenzjati għall-kiri. Persuni liċenzjati biex isuqu kien hawn 1682 u 459 oħra kienu liċenzjati biex isuqu karozza tal-kiri. Muturi kien hawn 285 u 13 oħra liċenzjati għall-kiri. Persuni liċenzjati biex isuqu l-muturi kien hawn 319. Permessi sabiex vetturi jidħlu l-Belt Valletta kien hawn 898.

F'dan iż-żmien, jew aħjar b'effett mis-7 ta' Novembru 1927, ġie maħtur Police Traffic Officer li xogħlu kien ta' superviżjoni u kontroll tat-traffiku kif ukoll il-liċenzi li kellhom x'jaqsmu mal-vetturi.

Fl-1930 twaqqaf l-ewwel Bord tal-Kontroll li kien kompost minn dawn is-sinjuri:

Chairman: L-Onor W. Salamone; Col. S.F. Newcombe, DSO, RE; Salvatore Galea; il-Kaptan Albert Micallef Eynaud u t-Traffic Manager u Segretarju tal-Bord, il-Kaptan J.L. Muscat.

Il-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku għadu mwaqqaf sal-lum bil-għan li jagħti pariri lill-Gvern fuq kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-traffiku ta' vetturi u trasport ta' passiġġieri u merkanzija.

Fl-1931 ħarġet l-Ordinanza Nru, X, l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-traffiku li minbarra milli tat setgħa lil Gvernatur jaħtar il-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku li kien twaqqaf fis-sena ta' qabel, tat ukoll ċertu poteri lil dan il-Bord. Din il-liġi tat ukoll setgħa lill-Kummissarju sabiex jagħmel regolamenti dwar il-vetturi u laneċ tal-passiġġieri.

Fl-1942, mal-ġabra Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza Nru X tal-1931 ġiet mibdula bil-kaptilu 105 tal-Liġijiet ta' Malta.

Aktar regolamenti dwar il-vetturi ħarġu fl-1933 li ħadu post dawk tal-1929. F'dawn ir-Regolamenti ppubblikati bl-Ingliż, bil-Malti u bit-Taljan jidhru fost affarijiet oħra, ir-rekwiżizzjonijiet meħtieġa għall-bini tal-omnibusijiet (char-a-bancs).

Fl-1948 reġgħu ġew ippublikati regolamenti ġodda u b'notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Jannar 1948, il-Lux Press ġew awtorizzati jistampaw dawn ir-regolamenti bħala regolamenti uffiċjali. F'dawn ir-regolamenti nsibu ġdid li dawk il-vetturi li kellhom permess jiġu misjuqa fil-Belt Valletta ried ikollhom imwaħħal mal-pjanċa tan-numri tar-reġistrazzjoni, plakka tonda u miżbugħa bajda ta' daqs ta' żewġ pulzieri u nofs dijametru. Dawk il-vetturi bil-permess jgħaddu minn Triq Repubblika ried ikollhom plakka ta' l-istess daqs, iżda ta' lewn aħmar imwaħħla mal-pjanċa tar-reġistrazzjoni tal-vettura. F'dawn ir-regolamenti nsibu wkoll tibdil rigward is-sewqan li setgħu jiġu misjuqa l-vetturi u dan tela' għal għoxrin mil fis-siegħa fl-ibliet u villaġġi u 40 mil fis-siegħa barra mill-ibliet u rħula. Dan illum, kif jaf kulħadd, huwa ta' 25 mil (40 kilometru) u 40 mil (65 kilometru) fis-siegħa fl-ibliet u rħula rispettivament.

Ir-Regolamenti tal-1948 kienu l-aħħar regolamenti uffiċjali stampati mill-Gvern u dawn, f'dawn l-aħħar sitta u għoxrin sena ġew imtertqa bl-emendi li sarulhom u wasal iż-żmien biex isir xi ħaġa ġdida. Tajjeb insemmu li fl-1980 l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ħadet ħsieb tippubblika, għalkemm mhux kopja uffiċjali, ir-Regolamenti tal-Vetturi tal-Mutur li mela vojt kbir għaliex sa qabel dan iż-żmien ma kontx issib dawn ir-regolamenti għajr xi ftit ittajpjati minn xi wħud.

Liġijiet oħra li ġabu l-vetturi kienu dawk dwar is-Sigurtà fuq il-Vejikli bil-Mutur (Riskju tat-Terzi Persuni) meta fl-1939 ħarġet l-Ordinanza Nru. XXXVI. Permezz ta' din il-liġi, ebda persuna ma kienet tista' tuża jew tordna jew tippermetti lil xi persuna oħra li tuża vettura bil-mutur fi triq kemm-il darba ma tkunx qiegħda sseħħ għall-użu tal-vettura, minn dik il-persuna jew dik il-persuna l-oħra, skond il-liġi, dik il-polza ta' sigurtà jew

dik il-garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni illi taqbel mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Fi ftit kliem, din il-liġi obbligat li kull vettura għandha tkun assigurata. Din il-liġi tat ukoll setgħa lill-Gvernatur biex jagħmel regolamenti li jippreskrivu xi ħaġa li setgħet tkun preskritta taħt l-imsemmija Ordinanza u f'Diċembru 1939 b'notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 611, ħarġu l-Motor Vehicles Insurance Regulations. Fl-1947, il-Kapitlu 165 tal-Liġijiet ta' Malta – Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni – ħa post l-Ordinanza Nru. XXXVI tal-1939.

**REFERENZI:**

Police Notice – MGG 20. 1.1905
– do – MGG 9. 8.1905
– do – MGG 8.11.1907
– do – MGG 29. 5.1908
– do – MGG 13.12.1911
Police Order No. 3 dated 8. 8.1917
– do – No. 3 dated 11. 9.1919
– do – No. 144 dated 1.10.1919
Police Circular No. 35 dated 16.6.1920
Police Order No. 153 dated 30.12.1930
Govt. Notice 293 dated 20. 8.1929
" 30 " 24. 1.1930
" 31 " – do –
" 474 " 19.12.1930
" 265 " 14. 7.1933
" 611 " 12.12.1939
" 24 " 13. 1.1948
Ordinance X of 1931
Ordinance XXXVI of 1939
Motor Vehicles Insurance Regulations 1939
Chapter 105 Laws of Malta
Chapter 165

# Ħarġa għat-tfal ta' l-Ursolini

•Nhar is-Sibt, 15 ta' Settembru, 1984, madwar sittin tifel u tifla mill-Istitut ta' l-Ursolini ta' G'Mangia attendew għall-ħarġa ta' ġurnata għal Kemmuna. Din il-ħarġa ġiet organizzata fuq inizjattiva tas-Surġent Romeo Micallef u l-membri l-oħra tal-Grupp Mużikali tal-Pulizija li ħadu wkoll ħsieb it-tfal matul din il-ġurnata.

Dak in-nhar tal-ħarġa, coach tal-Pulizija ġabret lit-tfal mid-dar tal-Ursolini u ħadithom sax-xatt ta' Lascaris fejn kien hemm lanċa tistenniehom ġentilment mislufa minn Messrs Cassar Enterprises tal-Marsa. Għal xid-9 a.m. il-lanċa telqet għal Kemmuna. Matul il-vjaġġ it-tfal kellhom ikel u xorb ġentilment mogħti minn Messrs Tessons, Rimus, Wembley Stores, Farsons u General Soft Drinks. Jakkumpanjaw lit-tfal kien hemm ukoll erba' pulizija nisa li wħud minnhom qagħdu jallegraw lit-tfal bil-kant ta' nursery rhymes u kanzunetti popolari għat-tfal.

Mal-wasla tat-tfal f'Kemmuna, huma bdew jgħumu u wara ħadu kolazzjon. Għall-ħabta tas-1.30 p.m. il-Banis, bniedem li jieħu ħsieb idawwar lit-turisti madwar Kemmuna, offra s-servizzi tiegħu għal dawn it-tfal. Għal xi s-2.30 p.m. Johnny, wieħed mid-Dup Johnny and Joe li jkantaw fuq il-Cruise Boat, Captain Morgan,



**Uħud mit-tfal waqt il-vjaġġ għal Kemmuna**

ġie wkoll fuq il-lanċa u għal siegħa sħiħa huwa pprovda mużika u kant.

Għall-ħabta ta' l-4 p.m. il-lanċa rritornat lejn Malta u b'hekk intemmet din il-ħarġa li ċertament ħalliet tifkiriet sbieħ lit-tfal. Nizziħajr lid-ditti diġà msemmija flimkien ma' Messrs Caruana Cold Stores ta' l-għajnuna tagħhom u lill-Kummissarju tal-Pulizija li pprovda l-faċilitajiet kollha biex din il-ħarġa tirnexxi.

THE POLICE FORCE
PROVIDES

# •PROTECTION
# •SECURITY

# PROVIDE THESE
# FOR YOURSELF
# OR YOUR FAMILY!

Talk to our Life Specialists at:

**MEDITERRANEAN INSURANCE
BROKERS LTD,**

**P.O. Box 320,
Maison Demandols,
29/30 South Street – Valletta**



WE CAN ADVISE YOU ON ANY OF THE FOLLOWING LIFE ASSURANCE COVERS, SUCH AS ★**PROVISIONS FOR A DOWRY** ★**SAVING PLANS**

★**MORTGAGE PROTECTION ON YOUR LOAN** ★**PROTECTION FOR THE FAMILY FOR THE UNEXPECTED LOSS OF THE BREADWINNER.**

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________________

Address ____________________

____________________

# Lm3,500 .......................... fil- Lotterija tal-Ġimgħa

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.



**Fais®** Electric Water Heaters



*guaranteed for 10 years against water corrosion*

**available from leading bathroom dealers**

**JOSEPH PITRÈ**
**TRIQ IL-KAĊĊATUR, QORMI**
**TEL: 493473**

# GIRMI




**GIRMI ELECTRIC DOMESTIC APPLIANCES**

manufacture
appliances for the kitchen
appliances for the household
beauty care equipment

- after sales service
- spare parts always in stock
- available from leading household stores

*Sole Agents and Distributors:*

**G. Grech & Bros. Ltd.,**
33-336 Fleur De Lys Rd.,
Birkirkara
Tel: 41738.

PACKAGING
QUALITY
RELIABILITY

**Acris Container Ltd.**

SIR PAUL BOFFA AVENUE, PAOLA, MALTA
TELEPHONE 826329/603789
TELEX 458 MW
CABLES CARTONES – MALTA

# Intervista ma' pensjonant

## L-ex-Surġent 285 Salvu Cassar

**Surġent Salv, meta dħalt fil-Korp tal-Pulizija u x'kont taħdem qabel ingaġġajt fil-Korp?**

Qabel dħalt fil-Pulizija kont naħdem ta' xufier tal-karozzi tal-linja li f'dak iż-żmien kienu bil-gallerija fuq wara. Fil-bidu tal-1930, kont smajt li riedu xi nies biex jidħlu fil-Pulizija u jiena mort id-Depot tal-Belt fejn sibt lis-Sur Ullo li kien Ajjutant. Peress li ma kienx għad għandi tmintax-il sena, qaluli biex nerġa' mmur napplika meta kont nagħlaq din l-età, u f'April ta' l-istess sena erġajt mort u ngaġġajt. Miegħi kienu daħlu erba' pjantuni oħra u niftakar lil PC 32 Darmanin, li kien suldat fl-RMA, u l-PC 52 Vella, li kien xufier. Dħalt bħala riserva Nru 22 u wara biss erbgħa u għoxrin ġurnata kont sirt regolari u tawni n-numru 285.

**X'kien l-ewwel xogħol tiegħek fil-Pulizija?**

Fiż-żmien li kont ingaġġajt jien, l-ewwel xogħol tar-riservisti kien ta' għassa mat-tankijiet tal-petrol f'B'Buġa, iżda lili ma tawniex dan ix-xogħol imma tefgħuni għassa (shadowing) ma' wieħed Tuneżin li l-Pulizija kienet qed tassislu għaliex kien taħt suspett li dan kien ġie Malta biex jikkommetti xi delitt. Kont immur fejn kien imur hu u naturalment nirraporta lis-superjuri tiegħi fejn kien imur. Kont naħdem pajżan għalkemm stazzjonat il-Belt.

**Kif kienu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fiż-żmien li qed issemmi?**

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna xejn ma kienu pjaċevoli u konna naħdmu disat ijiem qabel nieħdu frank. Matul dawn id-disat ijiem konna naħdmu ta' l-anqas tmien sigħat kuljum u ħafna drabi wara dan il-ħin kont trid tibqa' riserva l-Għassa għal dak li jista' jinqala'. Dan kien jinkludi li torqod fl-Għassa fil-ħin li suppost kien liberu. F'dak iż-żmien kont ukoll tagħmel xi naqra xogħol extra li konna nitħallsu għalih b'25 ċenteżmu għal kull erba' sigħat. Il-paga kienet ta' Lm7.36,0 kull ħmistax għaliex konna nitħallsu kull ħmistax.



L-ex-Surġent Cassar

**Fejn ħdimt aktar wara l-ingaġġ tiegħek fil-Korp?**

F'Ottubru tal-1930 kienu ħadu l-Isptar Ċentrali, fejn illum għandkom id-Depot, lil ċertu Bajjada li kien qed jiskonta sentenza ta' ħabs wara li kien wettaq delitt. Ma' dan Bajjada kienu bdew jagħmlu għassa xi Pulizija mill-Furjana u għalhekk bagħtuni l-Furjana minħabba dan in-nuqqas. Kienu qaluli li tefgħuni l-Furjana temporanjament, iżda fil-Furjana domt sitt snin. Ix-xogħol fil-Furjana kien jinkludi dak tas-sinjali tat-traffiku ħdejn Putirjal fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Pulizija tat-traffiku. Hemmhekk kien hemm 'traffic island' u l-pulizija kienu joqogħdu jidderiġu t-traffiku bil-lembuba f'idejhom. Konna wkoll nilbsu l-elmu abjad bejn it-8 a.m. u l-4 p.m. Dan kien xogħol iebes ħafna.

**Fejn ħdimt wara l-Furjana?**

Mill-Furjana mort Tas-Sliema. F'Tas-Sliema, minbarra x-xogħol ta' rutina kellna l-port mimli fregati u baħrin Ingliżi. Ħafna minn dawn, ta' kull fil-għaxija, kienu jispiċċaw fis-sakra fil-ħwienet tax-xorb li kien hemm f'Tas-Sliema u l-Gżira u allura, ħafna drabi, kienu jaqalgħu l-inkwiet. Ix-Xatt ta' Tas-Sliema kellna wkoll Għassa żgħira li kienet ta' għajnuna kbira għalina b'mod speċjali meta narrestaw lil xi ħadd.

**Meta sirt Surġent u fejn bdejt ix-xogħol ġdid tiegħek?**

Kont sirt Surġent f'Diċembru 1941, fi żmien il-gwerra. Konna sirna disgħa. Jien bqajt stazzjonat Tas-Sliema fejn b'kollox servejt għal għoxrin sena.

**Inti kont wieħed minn dawk li kont tiġi msejjaħ f'dik imsejħa No. 1 Squad meta kien jinqala' l-inkwiet. Xi tgħidli dwar dan?**

Minħabba persunti, fl-ewwel żmenijiet tiegħi fil-Pulizija bdew idaħħluni mar-rinforz u kont insib ruħi ma' Pulizija qishom ġganti. Ma kontx niddejjaq avolja kont ta' età żgħira anzi kont neħodha bi kbira jekk kienu jsejħu rinforz u lili ma kinux jagħżluni. Dan servieni biex kull fejn ħdimt ma kont niddejjaq minn xejn. Niftakar xi ftit minn dawk li kienu jaħdmu miegħi bħal Ġanni il-580; il-435 Galea; 120 Gauci; 296 Muscat; 685 Azzopardi; 284 Pawlu tal-Mosta;

il-warspite (328); il-Pietru Deguara (216) u Ganni ta' Ħal Luqa 582.

**Sa ftit taż-żmien ilu, il-logħob tal-ballun kien jintlagħab l-Istadium tal-Gżira. Kif kien ix-xogħol hemmhekk fi żmienek?**

Fl-Istadium kien, għadu u jibqa' jinqala' l-inkwiet. Fi żmien li kont inkun xogħol hemmhekk jien, l-akbar rivali tal-futbal kienu s-Sliema u l-Furjana u meta kienu jilagħbu dawn it-timijiet kienu jiġbru numru kbir ta' nies fl-Istadium. Inkwiet ġieli nqala' kemm f'dawn il-partiti kif ukoll f'partiti oħra u ħafna drabi kienet tidħol il-kavallerija biex tikkontrolla dan l-inkwiet. Niftakar li membri tal-kavallerija kienu jitilgħu t-taraġ tal-Istadium biż-żiemel b'kollox meta kien jinqala' l-inkwiet. Ħafna drabi, xogħli fil-ground kien ikun marreferee għaliex mhux l-ewwel darba li dan kien jiġi attakkat minn xi ħadd li jaqbeż il-wire ta' madwar il-ground jew minn xi player.

**Xi tgħidli għall-festi f'Tas-Sliema?**

Illum il-festi f'dan il-post huma mill-aktar kwieti iżda kien hemm żmien meta tas-Sacro Cour u ta' Stella Maris kienu jagħmlu tagħhom ukoll speċjalment waqt il-marċ. Hawn mhux l-ewwel darba li beżbiżt lil xi ħadd għax kien joqgħod imqareb.

**X'esperjenzi għandek ta' Tas-Sliema fi żmien il-gwerra?**

Il-gwerra naturalment ġabet xogħol kbir fuqna u konna naħdmu tnax-il siegħa kuljum b'sistema ta' sitt sigħat xogħol u sitta mistrieħ. Fl-ewwel xhur tal-gwerra, waqt is-sitt sigħat ta' mistrieħ, konna obbligati nibqgħu wkoll l-Għassa, iżda wara kienu tawna permess biex waqt dan il-ħin immorru xi ftit id-dar. Niftakar li ħafna nies kienu telqu minn Tas-Sliema għaliex beżgħu mill-bombi. F'Tas-Sliema kellna wkoll attakki kbar mill-ajru li ħallew ħafna mwiet. Wieħed minn dawn l-attakki kien fejn l-Għassa tal-Pulizija f'Marzu 1942 meta fost oħrajn kienu mietu s-Surġent 89 Lanzon u 547 Vella. Attakk ieħor kbir kien f'April ta' l-istess sena li kien sar ħdejn il-knisja tas-Sacro Cour meta waqa' wkoll parti mill-kunvent tal-patrijiet u f'dan l-attakk kienu mietu fost oħrajn is-Surġent Riviera u patri Gelardu. F'dan iż-żmien kien ġie wkoll maqtul is-Surġent 232 Pietru Cordina. Dan kien miet wara li splodiet bomba fi Triq San Duminku. Din il-bomba kienet waqgħet fil-ġurnata ta' qabel u splodiet wara ħafna ħin.

Fi żmien il-gwerra jiena ġejt imsejjaħ ukoll biex nibda naħdem fl-airport meta l-Pulizija kienu jieħdu ħsieb isoddu dawk it-toqob kbar ikkaġunati mill-bombi li kienu jintefgħu fuq l-airport. Darba minnhom kien hemm attakk kbir mill-ajru waqt li konna naħdmu hemm u twerwirna. Dak in-nhar kienet splodiet il-karozza li konna naħdmu biha u kienu mietu wkoll xi suldati.

**Għandek xi esperjenza ħażina li bqajt tiftakarha?**

Waħda minn dawn l-esperjenzi kienet ukoll fi żmien il-gwerra. Kien it-8 ta' Ottubru, 1941, waqt il-ħin tal-mistrieħ tiegħi, iżda 'stand by' riedt immur niekol u għalhekk isselift rota mingħand PC 340 Pawlu Micallef biex immur sa Tas-Sliema. Mort, u jiena u ġej lura kif kont nieżel Triq Manwel Dimech, dak iż-żmien Prince of Wales, kif wasalt ftit qabel il-Ballutta, kont qlajt daqqa ta' karozza li kienet ġejja mill-faċċata u li kienet misjuqa minn pilot Ingliż. Maddaqqa ntlift min sensija u ħaduni l-isptar tal-Blue Sisters fejn għamluli erba' punti f'wiċċi u 36 punti f'saqajja u ġenbi.

**Nixtieqek tagħlaq billi ssemmili xi każ, mhux tas-soltu, li kont imdaħħal fih.**

Darba minnhom kont xogħol ir-Regent f'Tas-Sliema, post ta' divertiment li kienu jiffrekwentawh ħafna fizzjali tas-servizzi Ingliżi. Dak in-nhar kien ġie fizzjali fuqi u qalli li kien hemm wieħed li kellu l-kartiera tas-sigaretti tiegħu (tal-fizzjal) u li din kienet ġiet misruqa minn għandu xi jiem ilu. Il-fizzjal kompla jgħidli li dan irriżulta wara li kien qed jitkellem ma' dak ir-raġel li kellu l-kartiera u waqt li offrew xi sigaretti lil xulxin, il-fizzjali kien ittenda bil-kartiera. Jiena mort nivverifika u rriżulta dak li qalli l-fizzjal. Wara ħadt lil ieħor l-għassa u kien irriżulta li dan kien alloġġat fl-Osborne Hotel l-Belt u kien ħarab mil-lukanda u ma kinux jafu x'sar minnu. Irriżulta wkoll li dan kien suldat, maħrub mill-Ingilterra u mfittex ukoll mill-Pulizija Ingliża u konnessjoni ma xi qtil. Kienu qaluli li jiena stajt niġi msejjaħ biex nagħti x-xiehda tiegħi fl-Ingilterra u din ħadtha b'ferħa, iżda wara xi żmien, dan ir-raġel għeb u ma smajniex aktar b'aħbaru.

# CROSSWORDS TA' L-AĦĦAR ĦARĠA

## *SOLUZZJONIJIET*

**KBAR**

MIMDUDIN: –

1 Lumija
4 Abbiss
8 Maduma
11 Passat
13 Aritmetika
14 Infami
16 Ardita
18 Tom
19 Irtabu
21 Espert
24 Xkanatura
28 Inbati
29 Iħalli
30 Denfil
31 Odjuża

WEQFIN: –

1 Lemini
2 Moda
3 Jumi
5 Blat
6 Issa
7 Satira
9 Urna
10 Attitudni
11 Pedamenti
12 Skud
15 Nir
17 Tar
19 Irmied
20 Alka
22 Pura
23 Turija
24 Xbin
25 Atti
26 Uħud
27 Almu

**TAT-TFAL**

MIMDUDIN: –

1 Surġent
3 Imdardra
6 Kok
7 Sħana
8 Idu
10 Nar
11 Attiv

WEQFIN: –

1 Stinati
2 Tarka
4 Rkant
5 Don
7 Suldat
8 Int
9 Uri




# Yorkie Clothing

*the manufacturers for:*
*uniforms for Police; Armies; Schools; Hotels; and other enterprises.*

# Yorkie Clothing

*the manufacturers for:*
*suits; sport jackets; trousers; and shorts.*

**YORKIE: YOUR GUARANTEE FOR STYLE AND QUALITY.**

**Call at: YORKIE CLOTHING INDUSTRY LIMITED**
Ub 17 B San Ġwann Ind. Est.,
B'Kara.
Telephones: 511493 and 511494

MOTO GUZZI



*THE MOTOR BIKE FOR TRAFFIC POLICE!*

enq. P.A.L. **PAL ASSOCIATES LTD.**
P.O. BOX 25, HAMRUN

*FOR PARTS & SERVICE*

MEXICO BLDS.,
ZIMELLI STREET,
MARSA-MALTA.
TEL. 627111-21888
TELEX: MW 1636 PALMEX

## UNTOURS INSURANCE AGENTS & BROKERS LTD

*offer the best rates available in Malta for*

### MOTOR



SPECIAL 10% DISCOUNT
PLUS 55% NO CLAIM BONUS

### PROPERTY



WE CAN INSURE YOUR HOUSE
AT UNBEATABLE PREMIUMS.

### TRAVEL INS.



*MALTA GENERAL AGENTS FOR:*

**QATAR INSURANCE LTD**

## UNTOURS LIMITED

SOLE OPERATORS OF:

## MAYFAIR HOLIDAYS

★ Transfers ★ Excursions
★ Air Tickets ★ Car Hire
★ Flat Hire ★ Organised groups

## UNTOURS LIMITED

OLD BAKERY STREET – VALLETTA – TELEPHONE 623640 – 25733 TELEX: MW 1307 UNWOR
66, TOWER ROAD –. SLIEMA – TELEPHONE 36477 – 36478 TELEX: MW 1724 UNTOUR

## TONIGHT

Celebrate with us

FREE HORS D'OEUVRE

from 8 p.m.



## Vibes

* INTERNATIONAL DISCOTHEQUE * FRIENDLY MANAGEMENT & SERVICE * A BAR 45 FOOT LONG * BRILLIANT DANCE FLOOR * COMPUTERIZED LIGHTING * TOP OF THE CHARTS MUSIC * COSY AND INTIMATE SEATING * AIR CONDITIONED THROUGHOUT

Limits of San Ġwann. Tel.: 515220


We all agree
HOPLEAF
PALE ALE
HOPLEAF
PALE ALE
When it comes to beer
everyone agrees on Hopleaf.
Brewed from fine selected ingredients
and backed by Farsons' years of experience,
Hopleaf really satisfies.
Have a Hopleaf.
FARSONS - Brewers with a world of experience.

PRIME

# PRIME BACON CO. LTD.

Bacon, Sausages, Ham & Pies.

**Awarded the Malta Government Board of Standards "Flower Mark" for quality, purity and hygiene.**

Mgieret Road, Marsa, Malta. Tel. 22291-2. Member of the J&L Muscat Group.



# Lachryma Vitis

*The Wine of Malta*

EMMANUEL DELICATA & CO. LTD., The Winery, Swansea Str., Marsa. Tel: 825199

# Yugo CARS

## The New Class for the 80's.




Unbeatable prices

*Standard features:*
Front seat belts,
Head rests,
Cigarette lighter,
Electric screenwash,
Intermittent wiper control,
Heated rear window,
Hazard lights,
Automatic reversing lights,
Warning lights for low fuel,
low brake fluid,
low oil pressure,
handbrake,
and battery.




**A combination of price and specifications put Yugo cars in a class of their own.
The Yugo 45 and 45GL carry a three year anti-corrosion warranty.
4 Models to choose from: Yugo 45, 45GL, 511 and 311**




**Available from stock.**

**ZASTAVA**

Call at our showroom for a test drive.
**Easysell Auto Sales Ltd.,
Freemond Street, Qormi.
Tel: 495146**

# QAJA

**5, TAGLIAFERRO CENTRE,**
**CATHEDRAL STREET, SLIEMA, MALTA**
**TEL: 511314**

# TRANSLATION SERVICES CENTRE

**(MOH'D A. QAJA)**

- ***Legal, technical and scientific translation***
- ***Typesetting***
- ***Specialized Printing***
- ***Newsletter Creation***
- ***Trade Journals***
- ***Personal Biographies***
- ***Resumes (both International & Localized)***
- ***Brochures***
- ***Booklets***
- ***Passport and Business from Translation***
- ***Creative Writing***

Our prices are competitive

We can write, edit, bind and print any book you wish created, including any subject matter. Our writers will go anywhere in the world to accommodate you. We specialise in educational, trade and biographical, trade and biographical publications.

# Puma Footwear Ltd.

**14, VILLAMBROSA STR., ĦAMRUN**

Manufacturers of High Quality
LADIES & GENTS
Fashion Shoes and Boots
in Real Leather
as well as
COMMERCIAL FOOTWEAR
to order

***Trade Enquiries Phone 26904***

# MILL-IMGĦODDI



## IL-BREAKWATER

•Fiż-żminijiet kollha, il-Port il-Kbir kien il-qofol tal-ħajja tal-gżira ta' Malta. Il-port hu medda ta' baħar dieħla fil-qalba ta' l-art, li tilqa' fiha u tagħti kenn lil kull għamla ta' ċattri, dgħajjes, ġfien, xwieni u bastimenti. Min jaf jekk il-port setax kien il-bidu, il-magħmudija u l-isem ta' Malta.'

Mal-milja taż-żminijiet kollha l-port kien xhud ta' gwerer bejniet ġnus differenti, tibdil ta' bandieri, inżul ta' furbani, ħalliela, il-wasla ta' nies li baqgħu jissemmew fl-istorja, disgrazzji tal-baħar, sejbiet ta' teżori tal-qedem, u t-tbaħħir ta' wlied il-gżejjer għal artijiet imbiegħda.

Minħabba li l-port għandu żewġt irjiħat li jaħkmuh, il-grigal minn quddiem il-bokka, u l-lbiċ min-naħa ta' ġewwa nett, maż-żmien meta l-bastimenti kibru fid-daqs u żdiedu fil-għadd, ta' kultant, il-port kemm fid-daħla u sew fil-ġewwieni, kien ikun ta' ħsara għalihom, marbuta b'daqsxejn ta' ankra mdendla minn katina, jew marbuta b'ċima ma' l-art.

Għalhekk l-Ammiraljat Ingliż, li kien għamel il-portijiet Maltin iċ-ċentru tal-flotta qawwija u setgħana fil-Mediterran, ħaseb biex jirmedja jilqa' nitfa' l-kurrenti li kienu jidħlu mgħaddba mill-bokka bi ħsara għall-bastimenti u għat-tarzna.

Fis-sena 1902 l-Ammiraljat ipproġettaw li jibnu breakwater, ismu miegħu, biex jifred l-ilma u l-qawwa tiegħu.

Id-ditta Ingliża E. Pearson & Son Ltd., li kienet għamlet ukoll il-baċir il-ġdid, fix-xahar ta' Novembru 1903 ħadet l-appalt għall-bini tal-breakwater.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fuq in-naħa ta' Sant'Iermu, fid-daħla tal-port. Dak inhar tat-tqegħid kienet qamet maltempata tal-baħar u ċ-ċerimonja saret l-għada 8 ta' Ġunju 1904. Għal din il-festa kien hemm l-aqwa nies tal-gżira, u l-ogħla awtoritajiet navali u militari. Lady Lacon Hammet, il-mara tal-Kontro-ammiral, mistiedna mid-Direttur u kap tax-xogħlijiet, Mrs Pearson, poġġiet l-ewwel ġebla, is-sisien tal-breakwater.

L-għada, imbagħad, intbagħtet telegramma lir-Re Dwardu VII



**Ikompli f'paġna 6**

# Police around the world

## TAHITI – by Rose Tilley

•FRENCH Polynesia encompasses some 130 volcanic and coralline islands consisting of the Society Islands, (Windward and Leeward), The Marquesas, Australs, Tuamotus and Gambiers, Tahiti (Windward Islands) is the main island in French Polynesia.

French Polynesia has a population of 138,000 inhabitants of which 96,000 live in Tahiti. The population is mainly Polynesian, with some Asians and Europeans.

Policing in French Polynesia is divided between the Municipality Police, the French manned Gendarmerie and the Papeete Police. Papeete, the capital of French Polynesia, has a populatin of 25,000 people and is policed by a 120-manned station on Avenue Bruant.

Up to 1967 an exclusively Tahitian Police force operated under the control of the Mayor of the capital. The French Government then took over the administration and today the Papeete Police force functions roughly along the same lines as the French Police although Tahitian Police Officers have the advantage of an 8% higher salary than their French counterparts.





**Radar nets a youngster speeding in Paprete**

Other districts in Tahiti and in the other islands of French Polynesia retain a token Police Force known as the Municipality Police which falls under the control of the respective Mayors of each province. The Municipality Police budgets allows for stylish American Police cars, uniforms and equipment which are the source of some envy amongst the younger members of the Papeete Police force who feel that their French style uniforms, and French supplied vehicles have a somewhat lesser impact.

The Papeete Police force has larger jurisdiction than the Municipality Police which than the Municipality Police which can operate only within those areas governed by the Mayor and alongside the Gendarmerie.

Nevertheless, whether Municipality Police of the French controlled Papeete Police, a Policeman's lot in French Polynesia is a happy one. Tahitians respect and look up to the members of their Police Forces. To refer to Police Officers as 'pigs' as happens elsewhere in the world would be absolutely unthinkable.

### WARM GREETINGS

A Police Officer entering a bar, restaurant, cafe or nightclub in fact any public place, whether on or off duty, is greeted as an old friend which he usually is. Tahiti is a warm, close knit community; everyone knows everyone else, thus it can happen that a first misdemeanour, unless a serious crime, is often waived with a warning. If the offence is repeated a sterner warning is evoked, a third repetition and normal Police procedures are put into effect. A further deterrent is that fines are high, say for motoring offences, and prisons are unpleasant.

Sexual offences, mainly rape, constitute the main crimes in Tahiti. This can be explained by the fact that Tahiti has a huge, highly paid military presence and an annual turnover of some 55,000 tourists in addition to

foreign sailors from commerical vessels looking for female company. The local women tend to gravitate towards the foreign visitors leaving the Tahitian male to look for female tourists, the chief complainants of this crime.

Fridays and Saturdays see the bars, nightclubs and discos filling with Tahitians, sailors, French military personnel on leave and tourists which all too predictably results in punch-ups between Tahitians and foreigners.

Act of violence within Tahitian families, motoring offences, arson, fraud, embezzlement, drug offences and the smuggling of firearms account for the remaining crimes.

Police students train for one year after passing a qualifying entrance examination. An essential requirement is that they speak Tahitian, Police students have one stripe for the first year of duty, two stripes after for two years and three stripes after 14 years. Police Officers sit a further examination after four years in the force. If successful a diploma is awarded and the rank of sergeant gained after 7 years duty.

The Papeete Police force has only two women Police Officers who follow up cases, search suspects, and in general carry out the same duties as Policemen.

## FIREARMS

Whilst Tahiti has a fairly low crime rate, all Police Officers carry revolvers. Adjutant Norman Terütua Chave, whose great great Grandfather hailed from Somerset, explains this anomaly by the fact that terrorist activities are increasing and Tahitian Police Officers must be equipped and prepared for the eventuality of a possible seige at a Government Office or at the airport which would need to be handled by trained, armed Police Officers. Chave, a marksmen who trained for one year at Orly in Paris trains recruits to handle arms and in seige tactics.

Until recently the Papeete Police had only a token union with ineffectual powers. Following his election as a union official in 1981 Chave has developed a strong union and at the same time as improving working conditions for Papeete Police Officers, he has established a good realationship with the administration. Formerly on 24 hours call until union negotiations led to a 6 day 39 hour week being established, police officers now work 2 days from 1-9 p.m., 2 days from 6-1 p.m., 2 days from 9-6 p.m. followed by three days leave. Overtime duty is unpaid but accrues extra leave.



**Traffic management is the main headache for the French run Police**

Following a six month trial of the new rota system, union meetings and discussions with the Police union, recommendations are to be put forward for a morning, afternoon and evening duty rota of 1-9 a.m., 6-1 p.m. and 9-6 p.m. with 3½ days leave.

The union also plans to effect further improvements by pressing for a higher police budget to increase the force and fund an advertising campaign to attract more recruits and establish a longer training period with a minimum of 3-6 months training in France. Currently any Tahitian Police Officer wishing to further his training in France must apply to the administration, for permission, and if granted, must pay his own fare unless he works 3 years without leave, which qualifies he and his family to travel to France at the administration's expense, for further training. Salaries then come into line with those of the French Gendarmerie.

A further aim of the union is the eventual take over of some of the duties of the French Gendarmerie, which in addition to representing the French Government act as legal advisers, tax collectors (payments by foreigners of immigration taxes on visas and extensions of stay) and carry out policing duties which in other countries would fall within the scope of the local police force.



**Police search a Korean ship for illegal drugs.**

# Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija

**KUMMISSJONIJIET**

Dawn il-membri ġew approvati fil-laqgħa tal-Kunsill tad-29/5/84, biex iservu fuq il-Kummissjonijiet:

Kumm. Morda: V. Zahra, Tony Saliba, Joe C. Gauci, Alf. Debattista, Joe M. Borg. Kumm. Entertainment: Lorry Muscat, C. Bristow, Gerald Galea, Joe Monreal. Kumm. Sports: Alf. Debattista, J.M. Vella.

Rapp. fil-Police Social Club: Lorry Muscat, Vincent Zahra. Rapp. Fil-Welfare Committee maħtur mill-Gvern: Joe M. Borg. P.R.O.: Alf. Debattista. Bord Editorjali: Alf Debattista, Lorry Muscat, Joe M. Borg.

•Bħalma ntqal fid-diskors tal-president ta' l-Għaqda, il-Kummissjoni Morda qiegħda tiġi rappreżentata fuq il-Welfare Committee Dwar l-Għajnuna Soċjali, mwaqqaf taħt l-Att ta' l-1956.

Fost funzjonijiet oħra, dan il-Kumitat għandu d-dmir li jamministra l-fondi fdati lilu mill-Gvern, skond in-National Insurance Act, 1956, għall-benefiċċji tal-pazjenti ta' Istituzzjonijiet Governattivi, fejn dawn il-pazjenti jirċievu l-pensjoni tas-Sigurtà Nazzjonali. Kull pazjent rikovert f'Ħas-Serħ, fl-isptar Madonna tal-Karmnu, f'Ħaż-Żmien, fl-Isptar Craig u dak ta' Chambrai li jirċievi l-pensjoni msemmija, titnaqqaslu parti mill-pensjoni kif jidħol l-isptar, u dawn il-flus li jitnaqqsu jmorru għand il-Welfare Committee.

Il-Welfare Committee fassal programm biex matul is-sena jsir regolarment tqassim ta' "Hampers" b'oġġetti ta' ikel, xorb mhux alkoħoliku, ħwejjeġ, 'toilet requisites', eċċ., jinxtraw T.V. tal-kulur għas-swali ta' l-isptarijiet, jingħataw "pocket transistor radios" lil min jitlobhom, u diversi għotjiet individwali skond il-ħtieġa u n-neċessità.

Attivitajiet oħra jinkludu l-Parties fil-ġranet tal-Milied, għotjiet ta' 'Hampers' f'Jum il-Ħelsien, fil-festi tal-Għid u okkażjonijiet speċjali, viżiti fil-Wards, eċċ.

Iżda l-akbar biċċal xogħol li se jwettaq il-Welfare Committee huwa bla dubju ta' xejn il-bini ta' Ċentru Rikrejattiv f'Ħas-Serħ, li diġà jinsab fi stadju avvanzat u li hemm il-ħsieb li jiġi inawgurat fi żmien ftit xhur oħra.

Kulħadd jaf li fost l-2,000 pazjent fl-isptarijiet imsemmija hemm pensjonanti membri ta' din l-Għaqda li jinsabu f'Ħas-Serħ u Ħaż-Żmien li qegħdin jibbenefikaw mill-assistenza tal-Welfare Committee. Nagħlaq billi nsemmi li wieħed mill-għanijiet tal-Welfare Committee huwa li jaġġorna l-lista tal-prijoritajiet tal-ħtiġijiet tal-pazjenti u tal-Istituzzjonijiet għall-kumdità u attenzjoni aħjar, fosthom li l-anzjani f'Ħas-Serħ li kapaċi jimxu (Mobile Patients) ikunu jistgħu jgħixu preferibilment ġewwa flatlets.

**JOE M. BORG,**
**Membru, Welfare Committee**

---

**Ħidma Ġenerali:** Matul dawn is-sitt xhur il-Kunsill irċieva tlett ilmenti li ġew mogħtija l-attenzjoni meħtieġa: –

Membru talab l-għajnuna rigwar il-ħlas tat-taxxa tad-dħul li kienet qed titnaqqas mill-pensjoni, dan ġie mogħti l-għajnuna neċessarja, fejn ħareġ sodisfatt ħafna b'din l-għajnuna.

Membru ieħor talab l-għajnuna rigward telefon. Ittieħdu l-passi billi sar kuntatt mad-Dipartiment tat-Telefon, biex tingħata l-attenzjoni meħtieġa rigward dan.

Irrid insemmi lment ieħor li sar minn armla li għalkemm żewġgħa ma kienx pensjonant tal-Pulizija, xorta ġiet mogħtija l-għajnuna mitluba.

**Attivitajiet:** Peress li ġew organizzati diversi attivitajiet ir-Rapporti tagħhom għandhom jingħataw aktar tard mid-Delegati tal-Kummissjonijiet.

**Relazzjonijiet:** Dawk li huma relazzjonijiet l-Għaqda baqgħet iżżomm l-aħjar relazzjonijiet tajba kemm ma' l-Official Side tal-Pulizija, mal-Kumitat tal-Klabb u ma' Assoċjazzjonijiet oħra, u dawn sintendi taw il-frott tagħhom għall-ġid tal-membri.

**Uffiċċju Prinċipali:** Għandi l-pjaċir inħabbar lill-membri li l-Kummissarju tal-Pulizija ta l-approvazzjoni tiegħu biex waħda mill-kmamar li hemm fl-intratura tal-klabb tiġi wżata mill-Għaqda biex isservi ta' Uffiċċju Prinċipali – Nixtieq insemmi ġest ieħor sabiħ li sar mill-Kummissarju tal-Pulizija, meta wara li l-Għaqda offriet donazzjoni bħal kontribuzzjoni ta' l-użu li qegħdin nagħmlu fil-Police Club, il-Kummissarju reġa' bagħat lura l-flus, għax qal li meta l-Għaqda qiegħda tagħmel 'fund raising' ma għandhiex tikkontribwixxi.

Ta' dan aħna nirringrazzjawh.

**Police Social Club:** Bħalma kulħadd qed jara, ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fil-klabb huwa lest fejn nisperaw li sa l-aħħar ta' din is-sena jiġi miftuħ uffiċjalment.

**Suġġerimenti:** Dwar suġġerimenti nixtieq ngħid, li għandna ħafna minn sħabna li kull meta jiltaqgħu magħna fit-triq jagħmlu ħafna mistoqsijiet u forsi anki xi suġġerimenti, però meta tistaqsihom humiex membri dawn jgħidlek 'Mur ara x'qegħda tagħmel l-Għaqda', għalhekk nappella lill-pensjonanti kollha biex jidħlu membri, għax daqsna ħadd ma jaf x'għandhom bżonn dawn il-pensjonanti bħalna li lkoll servejna fil-Korp tal-Pulizija għal żmien twil u li qegħdin ilkoll fl-istess pożizzjoni.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

TELEPHONE 41132-40111

CABLES: LIMESTONE




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 25287, 607707

# *Investigating Child Sexual Exploitation*
# *Law Enforcement Role* PART 3

*By Seth L. Goldstein* **From January 1984 – FBI Magazine**

The following case illustrates the investigative problems encountered by Federal and local authorities. Child pornography was seized by U.S. Custom officers and turned over to U.S. postal authorities. They, in turn, notified the local jurisdiction for which the child porn was destined. A delivery was made to the suspected recipient, and a search warrant served. The search warrant yielded substantial amounts of child pornography which the subject had either collected or made himself, taking pictures of children he had molested. The subject was depicted in the pictures engaging in sexual acts with children, some of whom the local agency were able to identify. Although interviews were conducted with some of the persons identified, the local investigators (who were vice officers) missed a great deal of evidence and failed to ask questions which would have produced more evidence and probably resulted in more sex-related charges, as well as a more believable story on the part of the victims interviewed. The investigators accomplished a great deal with their limited experience. However, realizing their limitations, they sought the specialised skills they didn't have to bring a better case to trial, freely admitting their shortcomings. The inability to obtain certain items of evidence, destroyed by the subject because the investigators were unaware of their significance, was detrimental to the prosecution because essential elements of the sex crimes they were investigating could not be substantiated.

Child sex offences are multi-jurisdictional crimes, committed by persons whose travel are limited only by the particular individual's means. Rarely is a case found to involve only one city or county; it is not uncommon to find interstate, as well as international, connections.

In order to investigate this type of crime successfully, specialized personnel must be assigned to work on the problem. However, few agencies have such investigators. Investigators normally assigned to sex crimes or child abuse units often do not have the expertise or experience to undertake such a sensitive and often prolonged investigation. It takes people who are aware of the fallacies and truths which abound about the problems to sexual exploitation of children to properly recognize and handle such cases. By recognizing that the case at hand is not an isolated incident, that it may be connected to others, that it may involve other victims, and that certain evidence may be found which will corroborate the victim's story, the investigator will provide the prosecution with a case that has a greater chance of conviction.

In 1976, a Los Angeles Police Department task force was created to examine the problem of sexual exploitation of children. In the first 2 weeks of investigation, it identified over 300 local adults molesting or exploiting children. Additional information from their covert operations resulted in 34 crime reports and 10 adult arrests, totaling 44 felony counts of various sex-related charges. From the investigations, 17 juvenile victims were contacted, 11 under the age of 15, from which they identified 50 more victims and 30 additional offenders.[40] The task force's recommendations included developing a more "aggressive" approach to child sex crimes and specialized units to deal with the problems of child molestation, pornography, prostitution, and runaways. They have also recommended greater detailed followup on such cases. The result of the study conducted by task force was the formation of the Sexually Exploited Child Unit (SECU).

The SECU has apprehended pedophiles who otherwise would not have been discovered. The examination of the information obtained from the arrest of pedophiles or gained from their address books and correspondence provided many leads. SECU's examination of Catherine Wilson's mailing list, for example, revealed that 30 to 40 percent of her clients were registered sex offenders.[41]

The SECU also has an excellent method of covert operations and ability to deal with the problem because it recognizes the conspiracy and existence of the pedophiles underground. Only with such recognition and non-traditional procedure can the related problems of child pornography and sexual exchange of children be dealt with effectively.

Child pornography, contrary to popular belief, has not been produced traditionally by large organized operations, but rather involves a network of individual pedophiles who share the spoils of their work, taking advantage of both the porn they produce and the children involved in making the product. Some loosely organized groups or rings of adults an children discovered by police may simply be an early stage of evolution of this network. For example, a Boy Scout troup of 40 boys was found to have been created for the sole purpose of supplying sexual services to older men who would accompany the scouts on outings. Sexual acts and filming of those acts would occur with the knowledge of all involved, including the scout-master who was charged, along with 19 other men, with molestation and child pornography.[42]Other such networks have been discovered, many with the sanction of churches or other similar organizations.[43]

Pedophiles have been found to use the underground network as a means of trading, exchanging, and trafficking photographs of children, video cassettes, films, and even the children

themselves.[44] One group, which had trapped into the network, was found to be receiving 300 pieces of mail each week; another, 600 pieces of mail. The same individuals operated both groups, which grossed over $70,000 in 1973. The ads listed by these groups sought sexual contacts with children.[45] With the advent of the home computer, the home sex business can be run with the ease and relative security (computer entries and informational release necessitate passwords and "secret" codes) of a legitimate enterprise. In one case, a computer network listed children by sex, race, hair and eye colour, type of sexual act performed, and other particulars on a mailing list that was "hundreds of feet long."[46] The list contained names from six different countries.

Such findings might support the contention that there are well-organized and financed connections from small towns of America to large markets of sexual desires in major cities throughout the world. The fact is that such organizations are the exception rather than the rule. However, for those networks which do exist, only covert investigative tactics will work to infiltrate and expose them.

Recognizing that only special, concentrated, and sophisticated tactics are the proper way to deal with the problem successfully, the City of Berkeley, Calif., after creating a task force to look into the problem and make recommendations, budgeted a position for a special investigator. The attorney general of the State of California also concluded that the resources of his office should be made available to local jurisdictions for the same reasons. The use of specialized techniques will be the problem.[47] NCJOA found that proactive investigations and education of the public are also the prime deterrents. The Queens Bench Foundation found that changes in training of police officers, victim sensitivity, and support provided by police were necessary.[48] When a different approach was tried in Anchorage, Alaska, the law enforcement community found that they had the confidence of the public and that they got successful "results" they otherwise might not have achieved.[49]These results are what the American Bar Association meant when it found that there are many inadequacies and complexities in the manner in which sexual exploitation of children is being dealt with by law enforcement. Its conclusion was that in order to attain successful results, law enforcement, among others, is going to have to change its perspective on the crime.[50]

To date, little effective investigative concentration by law enforcement has been accomplished because of a lack of coordination and a great deal of ignorance on the part of local agencies. The underground has better communication modes than do most law agencies. In addition, the underground communicates among themselves, something many police agencies do not do.

The investigations must be carefully planned, implemented, and analyzed for additional leads. Generally, one case mushrooms into many, many more. From the names found in address books, correspondence, and associates of the offender, properly trained investigators will discover other offenders, victims, and incidents.[51] At minimum, 7 to 8 additional cases could be generated from a properly reviewed and analyzed investigation. Part of the problem is that there is no central bureau or collection point for leads or information obtained. As a result, many leads are never connected and many cases go unsolved. In California, leads which would have provided the identities of several of the victims in the L.A. Freeway Strangler case were not put together for several months. In the early stages of the Atlanta child killings, there was little, if any, cooperation among local agencies. In the computer matching operation run by two men from Los Angeles and San Jose, it took the combined efforts of the respective agencies to make the connections and effect the arrest. These two agencies ran into the same difficulty many others encounter. When the crime reaches beyond jurisdictional boundaries, they had to rely upon each other and State or Federal authorities as they had little or no ability or resources to legally act.[52]

Although the sexual exploitation of children is clearly a law enforcement problem,[53] most agencies give it a low priority as compared to other "major crimes". The New York Police Department, however, considers the problem to be "immediate.... major.... (and) serious" and has created a task force with other enforcement agencies to address the problem.[54] Many acknowledge the fact that there are unique aspects of this problem, yet there are few investigators who are specially assigned to these cases. Federal laws are seldomly enforced and there are few full time Federal investigators working on the problem. One U.S. Customs agent said that in 2 years, he conducted 150 investigations which led to 40 arrests and 25 convictions. He noted, however, that the prosecutors were not "enthusiastic about going to trial."[55] When authorities arrested Catherine Wilson, they claimed they had put a stop to 80 percent of the child pornography in this country. This is gravely misleading, as the arrest may have put a big dent in the commercial industry, yet did little to affect the underground networks operated by pedophiles.[56] Research conducted by individual States and local inquiries had found they "only scratched the surface and that there is a great deal of the problem which will never be uncovered.[57] The underground networks are so extensive that the only successful means of penetration can be through specialized concentration.

## CONCLUSION

It was estimated that 95 percent of the arrested child molesters in California do not go to prison. Of the possible 30,000 child molests committed each year in the same State, the Bureau of Criminal Statistics reports that only 58 molesters went

**(Cont. on p. 26)**

# TIFKIRIET TA' L-IMGĦODDI

**—Minn ĠANNI ZAMMIT—**

## TAL-KORP TAL-PULIZIJA

• F'DAN l-artiklu sejjer nagħti ħarsa lura lejn il-korp tal-Pulizija f'Malta daqs ħamsin sena ilu, permezz ta' dak li kien qalli in-nannu tiegħi li nzerta kien jismu bħali, iżda li kellu nċident li fih ġie mibdul kunjomu u sar Sammut minflok baqa' dak ta' Zammit.

Ġanni Zammit li kien Surġent Nru. 371 kien twieled fis-6 ta' April 1889 fis-Siġġiewi u miet fl-4 ta' Ottubru 1977 fl-età ta' 88 sena. Niftakar sew meta kien ħaj għaliex kont inżuru ta' spiss. Niftakar li meta kont immur għandu mill-ewwel kont inkun naf li kien raġel tas-servizz, għaliex kien bniedem ta' dixxiplina speċjalment minn ħarstu li kultant kienet tkun severa, imma kien bniedem li tidrah u mhux daqstant li jkollok bżonn xi ħaġa mingħandu ma jilqgħekx u jara kif jagħmel biex jgħinek.

Ġanni kien daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-1910 u kien qalli li bilfors li s-servizz kien għal qalbu, għax kemm missieru u wkoll nannuh, it-tnejn kienu spiċċaw bħala Surġent minn ma' dan il-Korp.

Sakemm kellu 19-il sena, huwa kien jaħdem ta' mastrudaxxa u wara kien iddeċieda li jidħol fil-Pulizija. Dari wkoll il-postijiet kienu jimtlew permezz ta' eżami wara li jinħarġu l-applikazzjonijiet. Għalhekk Ġanni qagħad għall-eżami, għadda u daħal fil-Pulizija għaliex kien iħobbu s-servizz.

Ġanni issa kien ħa l-uniformi, għadd mhux ħażin mill-forza ta' 500 li kienu jifformaw il-Korp dari kienu jeżistu xi benefiċċji u kienu jgawdu l-benefiċċju ta' 3d kuljum minbarra l-paga ta' 1/8d kuljum u dan għal dak il-pjantun li kien jaf jitkellem bl-Ingliż. Wara sitt xhur fil-Korp, dak il-pjantun li jinstab tajjeb fix-xogħol jingħata żieda oħra ta' 8d kuljum mal-paga.

Il-ġurament li jieħu kull min jidħol Pulizija dak iż-żmien kien dak: li "jkun fidil lejn Alla u



**Is-Surġent Sammut**

r-Reġina'' li Ganni kellu l-fortuna jew sfortuna li l-istess bħal Kaptan ta' l-Armata li kien jimxi wisq skond ir-regolamenti fil-ktieb, minbarra simpatija, kien jiġbed lejh ukoll daqstant, jekk mhux iżjed stmerrija.

Huwa kien jgħid li l-onest kien jirrispettawh ħafna, imma mhux l-istess kienu jgħidu l-kriminali, id-delinkwenti u l-ħallelin. Għalhekk hawn se naraw daqsxejn mill-esperjenza ta' 33 sena fil-Korp li qatta' fihom Ġanni, għaliex żgur li ma tistax tirrakkonta kollox f'artiklu qasir bħal dan.

Minn li kien jgħidli n-nannu dwar dawk iż-żminijiet kien jidher li kienu żminijiet oħra imma min-naħa l-oħra d-delikwenzi taż-żgħażagħ, il-vandaliżmu, serq u delitti kienu jseħħu wkoll bħallum, bid-differenza li l-problemi li kellu l-korp il-bieraħ, illum huma solvuti għalkemm mażżmien nibtu dawk ġodda.

### INĊIDENT IKRAH

Ġanni jirrakkonta dawn l-esperjenzi li għadda minnhom: "Kont għassa Ħaż-Żebbuġ ma' sieħbi, kien hemm tfajliet u ġuvintur flimkien li kienu qed jinġabru fi 'private' biex imorru xalata u l-għajjat u storbju minnaħa tagħhom ma naqas xejn. Kien hemm ġuvni li beda jinbex u pprova jaqla' l-inkwiet. Bdejt insikktu u dan mill-ewwel qabad u niżel mix-xarabank u tani daqqa bil-kitarra li kellu f'nofs rasi. Għal din id-daqqa kont pront u ħriġt ir-revolver minn ħżiemi u ppuntajtulu..."

Dan l-inċident waqaf hemm fejn reġa' rrenja s-skiet, imma inċident li fih kien involut Ġanni ma kellux tmien daqstant feliċi.

"Darb'oħra wkoll niftakar kont għassa Ħaż-Żebbuġ u l-ġirien ġew jirrappurtawli b'xi ġlied li kien inqala' n-naħa l-oħra tar-raħal; tlaqt niġri fuq il-post u wieħed kien qed jagħti bis-sikkina lill-ieħor; fl-inċident dak li qala' d-daqqa kien pront ħareġ is-sikkina minn fejn qala' d-daqqa u niffed biha lil dak li qabel kien tah id-daqqa bis-sikkina". Ġanni tennieli li kważi bħal dawn kienu spissi u semmieli kważi diversi, bl-isem, il-laqam u t-triq fejn seħħew.

Huwa semmieli għadd ta' kważi li meta kien Pulizija għadda minnhom, biss imbagħad għamilli emfasi li l-ikbar problema kienet it-trasport, fejn ir-rota kienet l-eħfef vettura għal dawk iż-żmenijiet. "Għax kont fidil lejn il-ġurament li ħadt meta dħalt fil-korp, ħajti, kienet kontinwament fil-periklu u ġejt mhedded kemm-il darba li jridu joqtluni".

Tletin sena fil-Korp jipprovdulek bosta esperjenzi u Ġanni niftakar kien semma' kemm-il wieħed fosthom l-istrajk tal-karozzini, l-irvellijiet fit-Tarzna, il-ħerba li saret fl-istamperija tal-"Malta Chronicle", kollha qabel jew wara l-1919. Jiftakar li l-istrajk tal-karozzini kien sar meta fir-raħal tiegħu kien hem il-festa ta' San Nikola u minflok li qagħad igawdi l-festa mal-familja kien ordnat għassa għalli jista' jinqala' fl-Imsida.

L-ikrah ta' dawk iż-żmienijiet għal membru fil-Korp kienu l-kundizzjonijiet ħżiena; fejn fl-Għassa l-Pulizija kien isir l-irqad, frank u Ħdud ma jeżistux u saħra ma kien sema' biha qatt.

Fi spazju limitat bħal dan mhux possibbli li nidħlu fid-dettal ta' ħajjet Pulizija f'dawk

**Ikompli f'paġna 22**

# Min hu ċ-Chaplain tal-Korp?

•Għal xi żmien il-patrijiet kappuċċini tal-Furjana ġew mitluba jkomplu bis-servizz reliġjuż fil-kappella tad-Depot wara li kien miet Dun Fortunat Cachia, l-ex-Chaplain tal-Pulizija. Kien xieraq għalhekk li wara li ġew mitluba jekk kienx possibbli li jkomplu dan is-servizz u huma aċċettawh, isir l-'appointment' ta' patri minnhom. Il-patrijiet kappuċċini diġà nsibuhom jaqdu l-ħidma pastorali f'diversi oqsma: parroċċi, sptarijiet ma' xjuħ, lepers, morda tat-T.B., CA eċċ., ħabs, ċimiterju. Issa għall-ewwel darba ser ikunu jistgħu jaqdu din il-ħidma mal-Korp tal-Pulizija f'Malta. Il-patri li se joffri din il-ħidma huwa Patri Emmanuel Barbara, kappuċċin, u li fil-preżent huwa wkoll il-provinċjal tal-istess ordni f'Malta.

Dan twieled fil-Gżira fl-1949 u ħa l-ewwel edukazzjoni fl-iskola governattiva tal-Gżira. Wara huwa kompla l-istdju sekondarju fil-Capuchin Junior Seminary fil-Furjana. Fl-età ta' 15 il-sena beda n-Novizzjat sakemm fl-1973, ingħaqad għal ħajtu ma' dan l-ordni kappuċċin. Sena wara, hekk kif temm l-istudju tal-



**Patri Manuel Barbara**

filosofija u t-teoloġija fl-INSERM, l-istitut għall-istudju ekklesjastiku għar-reliġjużi f'Malta, ġie ordnat saċerdot.

Għal sentejn sħaħ fl-1976/78 huwa kompla f'Ruma jispeċjalizza fl-Accademia Alphonsiana dwar it-teoloġija Morali. Kif spiċċa huwa kompla bit-tagħlim tal-istess teoloġija ġewwa l-INSERM. Fl-1982/83 huwa ġie elett Rettur ta' l-istess istitut u din is-sena bħala Provinċjal minn fost sħabu l-provinċjali reliġjużi ġie elett president ta' l-istess istitut.

Fost il-ħidmiet li huwa wettaq kien hemm ix-xogħol pastorali tal-Parroċċa, chaplain fl-isptar u counsellor b'mod speċjali għall-problemi familjari. Mistoqsi kif iħares lejn dan ix-xogħol ġdid tiegħu huwa stqarr li waqt li jrodd ħajr lill-awtorità tal-Korp talli wrew din il-fiduċja fih, huwa jifhem li dan huwa xogħol interessanti in kwantu li hemm kamp kbir. Il-fatt li jkun dispost li jgħin fil-kamp spiritwali lil dawn il-membri tas-soċjetà bħal m'huma l-pulizija, ifisser responsabbiltà ħalli jgħinhom aħjar bid-dawl tat-twemmin fi Kristu kif jgħixu tajjeb huma u jkunu fil-qadi ta' dmirhom ta' għajnuna 'l proxxmu billi jfittxu l-ġustizzja u l-ordni.

Huwa tenna li xi ftit, minħabba l-għarfien li għandu, jaf it-toqol tal-ħajja tal-pulizija. Imma jeħtieġlu jitgħallem iżjed biex ikun iżjed utli. Dejjem dispost li jgħin sa fejn jista' lil kulħadd. Dan ikun l-awgurju li nagħmlulu u li xtaq hu stess.

**(Ikompli minn paġna 21)**

iż-żmienijiet, imma s-snin tbiddlu tant li Ġanni qalli li ma jixtieqx ireġġa' l-arloġġ għal dawk iż-żminijiet għax dawk kienu snin "meta konna lsiera u mhux pulizija".

**IL-KWISTJONI TAL-KUNJOM**

Ġanni għandu episodju kurjuż fil-ħajja tiegħu li baqa' jkiddu sa ma' miet. Missieru u ħutu kienu Zammit u hekk suppost li kien kunjomu; fil-fatt il-karta tat-twelid hekk tgħid u xiehda ta' dan kellu żewġ pulizija – għaliex dari dawn bil-fors kienu jridu jkunu l-parrinijiet – imma meta żżewweġ kunjomu sar Sammut.

Huwa ltaqa' ma' dan l-episodju meta mar jiġbor il-fidi tal-magħmudija biex jiżżewweġ; fir-Reġistru Pubbliku hu kien imniżżel Zammit, nannuh kien Serafin Zammit, imma l-Kappillan tas-Siġġiewi ta' dak iż-żmien daħħalha f'rasu li Ġanni kien kunjomu Sammut. Ġanni għamel kawża biex iżomm kunjomu, imma minkejja r-Reġistru Pubbliku u l-Fidi tal-Magħmudija, minn dak inhar li żżewweġ kunjomu sar Sammut.

Issa li n-nannu miet ma nistax niftakar iktar l-istejjer li kien jgħid li għalkemm dawn il-kitbiet se jibqgħu stampati u ma jintesewx u għalhekk bihom minbarra li baqagħli tifkira tan-nannu, il-Pulizija tal-lum jistgħu jaqraw kif kienu jgħixu l-pjantuni ta' dari u kemm għandhom għalfejn ikunu kburin li qegħdin jgħixu f'dawn iż-żminijiet ta' progress milli f'dawk iż-żminijiet ta' tbatija.

AQRA
IL-PULIZIJA
U IKTBILNA

# IBGĦAT IL-CROSSWORD – HEMM KOTBA BĦALA RIGALI



**MIMDUDIN: –**

1 Servjent
4 Numru
8 Hemm erbgħa bħalu
11 Tal-presepju?
13 Strument
14 Hekk ikunu s-suldati
16 Ġerrej
18 Insibuh fil-bieb
19 Egħġubijiet
21 Preċiżi
24 Biex ngħaddu ż-żmien
28 Ta l-barka
29 Jixtiequ
30 Fjur
31 Ħażin għall-istonku

**WEQFIN: –**

1 Jiġbru l-flus fiha
2 Biċċiet żgħar ħafna
3 Stima
5 Ġebel kbir
6 Frotta sewda
7 Logħba
9 Traditur kbir
10 Ħawħ żgħir
11 Bażi
12 Għamla
15 Dan jonfoh
17 Irregalat
19 Ikkonsla
20 Mhux bravu
22 Kanuni, xwabel, eċċ.
23 Ma niklux
24 Sies
25 Ineffaħ is-swaba
26 Ma żammx
27 Qiegħ ta' żarbun




**SOLUZZJONIJIET**

**TA' L-AĦĦAR ĦARĠA**

***(ARA PAĠNA 14)***

TAT-TFAL

1 Uffiċjal tal-Pulizija
3 Xefaq
6 Ġnien
7 Kummiedja
8 Żmien
10 Il-parti ta' fuq
11 Ħaxixa

1 Ħafna ħsejjes
2 Spiża regolari
4 Eroj tal-films
5 Annimal
7 Bla xagħar
8 Żmien twil ħafna
9 Insibuh fil-karti tal-logħob

# SUMMER CAMP 1984

•Għas-sitt sena, ġie organizzat is-Summer Camp għat-tfal tal-membri tal-Korp, u din is-sena, il-kamp inżamm fl-iskola tal-Gvern ta' Wied il-Għajn. Din hija t-tielet sena li l-kamp ġie organizzat f'din l-iskola.

Kif kellna okkażjoni ngħidu f'rapporti dwar dawn il-kampijiet, sas-sena l-oħra, l-ispejjeż in konnessjoni mal-kamp, kien jagħmel tajjeb għalihom id-dipartiment ta' l-Edukazzjoni, iżda din is-sena, l-ispejjeż kollha tal-kamp tħallsu mill-fonċi privati tal-Pulizija. Għalhekk, għall-ewwel darba, it-tfal li attendew il-kamp, ġew mitluba jħallsu lira kull wieħed li għamlet tajjeb biss għar-rigal ta' tifkira li t-tfal ħadu magħhom fi tmiem il-kamp.

Din is-sena saret ukoll sejħa għall-helpers u kien hemm madwar erbgħa u għoxrin persuna li applikaw. Ħafna minn dawk li applikaw kienu kopji, pulizija u l-mara tiegħu u kien hemm xi nisa ta' pulizija kif ukoll pulizija li xtaqu jiġu waħedhom. Għall-helpers kellha ssir għażla mill-Kumitat li ħa ħsieb jorganizza dan il-kamp u peress li n-numru tat-tfal li kienu se jattendu l-kamp kien ta' madwar sebgħin, intgħażlu dawk li applikaw bħala kopji.

L-iskola ta' Wied il-Għajn hija mgħammra bil-faċilitajiet kollha meħtieġa għall-kamp u l-uniku żvantaġġ ta' dan il-post huwa li jkun meħtieġ vjaġġar fit-tul biex it-tfal jittieħdu l-baħar għar-raġuni li l-postijiet għall-għawm ikunu ramliet, bħall-Għadira u l-Armier, fejn ma jkunx ta' periklu għat-tfal.

In-numru ta' tfal li attendew il-kamp kien ta' sebgħa u sittin, numru ferm anqas mis-sena l-oħra. It-tfal ġew mitluba jiġu l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, nhar it-Tnejn, 13 ta' Awissu fit-8.30 a.m. mnejn fid-9.30 telqu bil-coaches tal-Pulizija għal Wied il-Għajn. Mal-wasla fil-post, it-tfal ġew imqassma fil-kmamar u peress li għal dik l-għodwa kien sar ħafna ħin, it-tfal qagħdu jilagħbu ġewwa sakemm sar il-ħin ta' l-ikel. Wara nofs inhar, it-tfal ittieħdu jgħumu fil-bajja ta' B'Buġa.

It-Tlieta, 14 ta' Awissu, it-tfal ittieħdu jgħumu fil-għodu l-Għadira u wara nofs in-nhar, huma attendew għal film show fil-Coliseum Theatre, il-Belt u wara marru jżuru xi villaġġi fejn kienu se jiċċelebraw il-festa ta' Santa Marija. Dak in-nhar saret ukoll waqfa fil-West End, fejn it-tfal ingħataw xi drinks.

L-Erbgħa, 15 ta' Awissu, il-ġurnata bdiet bil-quddies fil-knisja ta' Wied il-Għajn u wara t-tfal ittieħdu jgħumu. Fil-għaxija, ġie organizzat xi sports.

Il-Ħamis fil-għodu kien mistenni li t-tfal iżuru l-Mediterranean Film Studios fil-Kalkara waqt ġbid ta' xi film, iżda peress li dak in-nhar ma kienx sar il-ġbid tal-film, it-tfal komplew bl-attivitajiet l-oħra għal dik l-għodwa u ttieħdu jżuru l-Police Club fejn ingħataw xi drinks. Id-diżappunt għan-nuqqas ta' l-ewwel attività malajr intesa meta, għall-ħabta ta' nofs inhar, it-tfal ittieħdu Harbour Cruise madwar il-port ta' Marsamxett. Din il-cruise ġiet ġentilment offruta mingħajr ħlas minn S. Mifsud & Sons Ltd. Fil-għaxija kien ukoll ta' esperjenza sabiħa għat-tfal għaliex ħafna minnhom, għall-ewwel darba, kellhom ix-xorti jirkbu fuq iż-żwiemel tal-kavallerija tal-Pulizija meta t-tfal żaru din it-Taqsima tal-Pulizija.

Il-Ġimgħa, 17 ta' Awissu, wara l-breakfast, it-tfal ittieħdu jgħumu fil-bajja ta' Birżebbuġa. Għall-ħabta ta' nofsinhar huma ttieħdu l-Alfresco Restaurant, f'B'Buġa stess fejn ingħataw xi 'snacks'. Wara nofs inhar kien

*Ikompli f'paġna 26*



***Uħud mit-tfal waqt il-Barbecue***

# WEMBLEYS

*Malta's largest Car Hire Fleet*



## Rent-a-Car
**TEL. 35436**

In case of difficulty phone 32074.




## 24 hr. Taxi Service
**TEL. 32074 – 511522**



## Crane Hire
**TEL.: 33358**

In case of difficulty phone 35436

WEMBLEYS

**HEAD OFFICE** –
50 St. George's Road, St. Julians
Telex: TURTRA MW636.

**SERVICE STATION** – St. Andrews Road, St. Andrews.

# Attard Bros Co Ltd

•BUILDING CONTRACTORS •BLUE MIX CONCRETE SUPPLIERS

'Mikesand', Industrial Zone, Ta' Qali, Malta Tel. 46980

For all types of:

★ **BUILDING MATERIALS**

★ **ASBESTOS PIPES**

★ **STEEL MESH**

★ **STEEL BARS**

★ **JOISTS**




# HU HSIEB ID-DEHRA TIEGHEK IMMA TINSIEX SAHHTEK

Mitt sena ilu ċ-ċerejali bħal **"Kellogg's All-Bran"** ma kienux meħtieġa. F'dawk iż-żminijiet in-nies kienu jieklu ħafna aktar ikel naturali u għaldaqstant mimli bil "fibres". Illum l-affarijiet huma xort oħra. Minħabba illi nieklu ħafna ikel iproċessat u msoffi hemm provi ċari illi ġisimna m'għadux jieħu biżżejjed "fibres" essenzjali għal saħħitna.

Il-"fibres" mhux biss jgħinu l-istonku jiddiġerixxi s-sustanzi ta' l-ikel imma jservu wkoll biex nevitaw problemi bħal konstipazzjoni, dijabete, ġebel fil-kliewi u kancer fl-imsaren.

Dawn il-"fibres" jassorbu l-ilma u b'hekk jgħinu lil ġisimna jeħles aktar malajr min dak kollu li mhux ta siwi għalieh.

L-aktar "fibres" naturali u sustanzjużi li jeżistu huma il-qxur tal-qamħ. **"Kellogg's All-Bran"** hu magħmul mill-qxur tal-qamħ.

**"Kellogg's All-Bran"** Mhux biss huwa prodott mill-aktar bnin, imma wkoll mod żgur biex inżommu l-istonku u l-imsaren b'saħħithom.

*Id-ditta Kellogg's ippublikat ktejjeb bl-Ingliż b'16 il paġna li jittratta dwar sustanzji fl-ikel bl-isem ta' "Cereal Fibre and its contribution to our health". Min jixtieq jakkwista kopja b'xejn għandu jikteb lil Charles Darmanin & Co. Ltd., P.O. Box 274, 32 Triq San Pawl, Valletta, Malta.*




© 1984 Kellogg Company

# Sports minn R. Cilia

•Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-170 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija f'Malta l-Entertainment Committee flimkien ma' l-Isports Committee organizzaw logħba football bejn formazzjoni magħmula minn Spetturi u Supritendenti u formazzjoni oħra magħmula mill-membri anzjani tal-Korp tal-Pulizija.

Il-logħba ntlagħbet fil-Marsa Sports Ground is-Sibt 23 ta' Ġunju, 1984, fl-4.00 p.m. Għal din il-logħba attendew diversi membri tal-pubbliku kif ukoll membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Anthony Mifsud Tommasi. Il-logħba fiha nfisha ma offriet l-ebda spettaklu għaliex iż-żewġ formazzjonijiet ma offrew l-ebda talent ta' football għalkemm f'xi waqtiet il-logħba offriet spunti tajbin bħal rovexxata sabiħa li ftit rajna bħala fil-football internazzjonali. Nistgħu ngħidu però li l-anzjanità, is-sħana tremenda u nuqqas ta' training kienu l-protagonisti ewlenin ta' din il-logħba, fejn rajna players miż-żewġ naħat jirrikorru kontinwament għall-ilma biex jiffriskaw xi ftit u f'xi waqtiet oħra rajna players jinxteħtu ma' l-art minħabba l-għeja.

Peress li din il-logħba ħabtet eżatt maż-żmien meta l-pubbliku kien qiegħed isegwi l-logħbiet tal-football tat-Tazza tan-Nazzjonijiet ta' l-Ewropa f'xi waqtiet il-pubbliku preżenti tant daħal fl-ispirtu tal-logħba li beda jsejjah lill-players b'sopranomi ta' players barranin bħal Platini, u Chalana. Kollox ma' kollox din il-logħba offriet divertiment sabiħ lil kull min kellu l-okkażjoni li jattendi.

Issa niġu għal-logħba fiha nfisha li spiċċat b'riżultat finali ta' 2-0 favur it-team ta' l-anzjani, bl-ewwel goal jasal f'nofs l-ewwel taqsima meta PC500 L. Mallia fajjar xutt b'saħħtu ftit 'il ġewwa mill-kaxxa l-kbira li l-goaler ta' l-uffiċjali, Supt. G. Grech irnexxielu jilqa' b'id waħda però l-ballun spiċċa fil-ġenb tax-xibka. It-tieni goal għat-team ta' l-Anzjani wasal fit-tieni taqsima meta minn xutt ta' PC1108 Cassar, Supt G. Grech fil-lasta rnexxielu jtajjar il-ballun li ħabat mal-lasta l-mimduda u spiċċa f'saqajn PC640 Vella li b'xutt fil-baxx ma ta' l-ebda ċans lil Supt G. Grech isalva. Wara dawn iż-żewġ goals it-team ta' l-Uffiċjali pprova jagħmel xi reazzjoni biex jikseb il-goal tal-bandiera u f'mument minnhom Inspr. D. Stubbings irnexxielu jaħrab in-nassa ta' l-off-side u avvanza waħdu u meta wasal ħdejn il-goaler fajjar xutt li ġie salvat minn PC855 Camenzuli b'titjira sabiħa.

Fl-aħħar nixtieq nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lil kull min kellu x'jaqsam ma' din il-logħba li ntlagħbet f'atmosfera ferrieħa u nispera li fil-ġejjieni jiġu organizzati attivitajiet simili li għalkemm ma joffrux xi spettaklu ta' sports joffru divertiment fi spirtu sportiv u ta' ħbiberija.



**Team tal-fizzjali: Xellug għal-lemin: Spetturi A.M. Tommasi, C. Brincat, C. Cassar, Supt. G. Grech, Spettur J. Cachia, D. Gatt; Kokka: A. Psaila, C. Micallef, D. Attard, D. Stubbings, L. Cauchi.**



**Anzjani: Xellug għal-lemin: P.S. 428 Cilia, P.C. 643 Zammit, P.C.855 Camenzuli, P.C. 1141 J. Cassar, P.C. 1108 D. Cassar, S.M. Camilleri;**
**Kokka: S.M. Micallef, P.S. 1011 Mula, P.C. 671 Falzon, P.C. 500 L. Mallia, P.C. 640 Vella.**

**(Cont. from p. 20)**

to prison and that 104 went to Atascadero State Hospital for the year 1979.[58] These figures are frightening when one considers that they represent only a minute portion of the actual number of offenders. Statistics like these should stir law enforcement to action, to take an "activist" and "leadership role" in addressing the problem.[59] Because the nature of this crime is much like a "victimless" crime, little attention is given or devoted to it. Yet, police devote manpower and resources to narcotics, gambling, and prostitution. When asked why this is so, many police agencies simply deny they have such a problem.[60]

Florence Rush says its "time to break silence which protects molesters and endangers children."[61] Several Congressional committees have examined the problem and recognized that different measures must be taken than have been followed in the past. Several federally funded programmes have been undertaken to determine the scope of the problem and find new methods to address it. In the interim, the U.S. Supreme Court, in its New York v. Ferber decision,[62] finally recognized that child pornography is child abuse and not a form of expression. This is only a step in the right direction. Now law enforcement has to take the cue and work to eradicate the abuse. In an article on the topic of legislation to cope with the problem of sexual exploitation, C. David Baker wrote that two distinct, but directly related, problems had to be addressed. What he, in essence, did was become one of the first to tie the problems of child molestation (child abuse) and sexual exploitation (prostitution and pornography) together.[63] The problem is that many have yet to recognize, as the Supreme Court did, this relationship.

In virtually every State in the country, law enforcement has a legal mandate to be involved in child abuse and neglect investigations. The issued are not over whether they will be involved, but rathet, how and to what degree.

What is expected of the law enforcement agency is that they report, investigate, and provide emergency services for suspected cases of abuse or exploitation. Two law enforcement agencies in California are now faced with multimillion-dollar law suits for not properly following these provisions.[64] Similar law suits could be the possible result of any agency's mishandling of an abuse case of this nature. Law enforcement must recognize that pornography and prostitution are only symptoms of the greater problem of pedophilia and that all three aspects are a serious and grave threat to our communities.[65] Ethically, law enforcement has the sworn duty and obligation to uphold the law and the responsibility of the welfare of the citizens it serves. Those same ethics will not permit law enforcement to ignore the abused or endangered child. As early as 1977, experts have been crying for law enforcement to do more than it does to eradicate the problem. The experts have exposed the problem, baring its true magnitude and threat. To ignore it any longer would be unethical and a denial of all that law enforcement is sworn to carry out.

## FOOTNOTES

40 Supra note 14, at 46-47.
41 Supra note 7, at 60.
42 Supra note 9, at 13.
43 Supra note 12, at 615.
44 Supra note 5, at 30.
45 Supra note 9, at 43.
46 Lewis Leader, "The Men Behind Kid Porn Industry," San Francisco, Calif., Examiner, February 17, 1980.
47 Supra note 4, at 114-115.
48 Queens Beach Foundation, Sexual Abuse of Children, San Francisco, Calif., 1976.
49 Sheila Toomey, "The Average Molester May Be Your Neighbor," Anchorage, Alaska, Daily News, September 19,1982.
50 American Bar Association, Child Sexual Exploitation: Background and Legal Analysis, Monograph, National Legal Resource Center for Child Advocacy and Protection, Washington D.C., November 1982, p. 20.
51 Supra note 14, at 48.
52 Supra note 7, at 55.
53 R.P. "Toby" Tyler, Child Pornography: The International Exploitation of Children, Fourth International Congress of Child Abuse and Neglect, Paris, France, September 9, 1982, p. 1.
54 Supra note 5, at 40.
55 Supra note 7, at 58.
56 Ibid., p. 53.
57 Supra note 14, at 47.
58 Letter to author, irv Prager, Deputy District Attorney, ventyra County, Calif., August 18, 1980.
59 Stephen F. Hutchinson, "The Use of Legislation As a Tool for Change as Flelated to the Problems of Sexually Victimised Children," remarks prepared for a conference of "Intra-familiar Childhood Sexual Assault," Chicago, Ill., October 26-28, 1978.
60 Supra note 14, at 46.
61 Supra note 2, at 195.
62 New York v. Ferber, 50 U.S.L.W. 5077 (July 2, 1982).
63 Supra note 12, at 824-25.
64 The parents of a group of children have filed a $50 million law suit against a southern California law enforcement agency for not properly investigating allegations of sexual misconduct on the part of a day care provider. That suit is still pending and should serve notice of the possible result of mishandling such an investigation.
65 Densen-Gerber and Huchinson, supra note 10, at 9.

***End of article***

***Ikompli minn paġna 24***

liberu għat-tfal għaliex kienu qed isiru l-preparamenti għall-barbecue li kellu jsir dak il-lejla. Għal dan il-barbecue ġie mistiedna wkoll il-ġenituri tat-tfal. Waqt il-barbecue ġie provdut disco u ħa wkoll sehem il-Musical Group tal-Pulizija. Din kienet l-aħħar attività għat-tfal u minn fil-għaxija, it-tfal bdew jippreparaw għall-għada, il-ġurnata tat-tluq lura.

Is-Sibt fil-għodu, wara l-breakfast, ġie ppreżentat ktieb kull wieħed lit-tfal kollha li attendew il-kamp bħala tifkira tal-kamp. Dawn il-kotba ġew ippreżentati mis-Suprintendent M. Borg. Wara t-tfal telqu għall-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn kien hemm il-ġenituri tagħhom jistennewhom.

B'hekk ġiet fi tmiem waħda mill-ikbar attivitajiet organizzata għat-tfal tal-membri tal-Korp u li biex irnexxiet kienet meħtieġa l-għajnuna ta' diversi nies u ditti li qegħdin hawn insemmu u nroddu ħajr:

Il-Kummissarju tal-Pulizija li pprovda l-faċilitajiet kollha u approva l-infieq ta' flus mill-fondi privati tal-Pulizija; id-Dipartiment tal-Edukazzjoni għall-permess biex tintuża l-iskola ta' Wied il-Għajn; il-kumitat li ħa ħsieb jorganizza dan il-kamp kif ukoll il-helpers li ndukraw it-tfal matul il-ġimgħa tal-kamp u lil dawk id-ditti diġà msemmija li ġentilment offrew servizz mingħajr ħlas waqt din l-attività.